# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 26**

**Rikors numru 962/12/1 GM**

**Horace Fenech u Anna Fenech**

**v.**

**Albert Mifsud u Maria Anna Mifsud**

Preliminari:

1. Il-kontendenti għandhom proprjetajiet (għelieqi u salini) f'Delimara. Fil-25 ta' Settembru, 2012, l-atturi intavolaw din il-kawża fejn talbu lill-Qorti:

(i) tiddikjara li huma proprjetarji tal-artijiet indikati bl-aħmar u l-ikħal fuq il-pjanta Dok HF-01;

(ii) tiddikjara li l-konvenuti m'għandhom l-ebda drittijiet fuq tali artijiet;

(iii) tistabbilixxi l-konfini bejn il-proprjetajiet adjaċenti tal-kontendenti;

(iv) tordna lill-konvenuti jiżgumbraw minn kull art u benefikat li tiġi stabbilita bħala proprjeta` tagħhom, u jagħlqu kull aċċess bejn il-proprjetajiet;

(v) tordna li jittellgħu ħitan diviżorji bejn il-proprjetajiet fejn hemm bżonn.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar, 2022, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili wara li ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra sa fejn mhux kompatibbli ma' din is-sentenza, laqgħet it-talbiet tal-attriċi, uħud fl-intier tagħhom, u wħud parzjalment. Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti.

3. Il-konvenuti ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni u għalhekk fil-11 ta' Frar, 2022, interponew appell quddiem din il-Qorti fejn talbuha tvarja s-sentenza billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom jew liema minnhom, u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha attriċi jew almenu tiċħad l-istess sakemm kompatibbli mas-surreferit, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-konjuġi Fenech li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :
>
> > Huma propjetarji assoluti tal-għalqa li qiegħda f'tal-Kali sive tal-Qali, fil-kuntrada ta' Delimara, limiti taż-Żejtun/Marsaxlokk, tal-kejl ta' ċirca sitt itmien u nofs (6T-3s-0k) u tmiss mit-Tramuntana mal-irdum għal fuq il-baħar tal-Ħofra ż-Żgħira, mil-Lvant mal-irdum għal fuq is-Salina u minn Nofsinhar, in parti ma' sqaq u f' żewġ partijiet oħra ma proprjeta` ta' Generoso Carabott jew aventi kawża tiegħu, kif indikata kulurita bl-aħmar fil-pjanta annessa markata Dok-HF-01, kif ukoll tas-Salina, b'kamra sovrapposta (indikata bl-ittra K), li qiegħda wkoll f'tal-Kali sive tal-Qali, fil-kuntrada ta' Delimara, limiti taż-Żejtun/Marsaxlokk, tal-kejl ta' ċirca tmient itmien u nofs (8T-3s-0k) u li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' xatt il-baħar, minn Nofsinhar ma' salina oħra ta' Dun Isaija Caruana jew aventi kawża tiegħu u mill-Punent mal-għalqa fuq deskritta aċċessibbli mis-sqaq u mir-rampa u kulurita, dawn l-istess sqaq, rampa u Salina bl-ikħal fil-pjanta hawn anessa markata bħala Dok-HF-0l.
> >
> > Il-konvenuti, f'Awwissu tal-2004, xtraw salina, aktar lejn in-Nofsinhar minn dik tal-esponenti, tal-kejl ta' ċirca erbat itmiem (4T-0s-0k) u li tmiss mil-Lvant, minn Nofsinhar u mill-Punent ma' xatt il-baħar liema Salina hija strixxata u kulurita bil-griż fil-pjanta, kif murija fl-imsemmija pjanta markata Dok-HF-01.

Il-konvenuti qegħdin jiddetjenu s-Salina (dik kulurita bl-ikħal) u l-kamra markata (K), li huma proprjeta` tal-atturi u qabdu u għalqu u abbużivament inblokkaw l-aċċess li din is-salina u din il-kamra għandhom mis-sqaq u mir-rampa kuluriti bl-ikħal fil-pjanta Dok-HF-01 u qed jiddetenuhom mingħajr ma'għandhom l-ebda drittijiet biex jagħmlu dan.

Il-konvenuti għandhom ukoll proprjeta` oħra adjaċenti għal dik tal-esponenti kulurita bl-aħdar li qiegħda aktar lejn in-nofsinhar mil-linja orizzontali markata A - A, kif indikata fuq il-pjanta annessa markata Dok-HF-0L.

Barra minn hekk, sar aċċess mill-konvenuti fl-għalqa tagħhom kulurita bl-aħdar fil-pjanta annessa Dok-HF-01, għal ġo dik il-parti tas-sqaq kulurita bl-ikħal proprjeta` tal-esponenti, fil-punt markat bl-ittra (S) meta d-dħul oriġinali għal din l-għalqa huwa aktar lejn il-punent ċioe` fejn l-għalqa kulurita bl-aħdar tmiss ma’ sqaq, fil-punt markat bl-ittra (P) u dan ukoll sar mingħajr ma' l-konvenuti għandhom dritt biex jagħmlu dan.

Il-konvenuti qegħdin jiddetienu wkoll parti minn l-għalqa kulurita bl-aħmar fil-pjanta annessa Dok-HF-01, proprjeta` tal-esponenti liema porzjoni detenuta għandha kejl superfiċjali ta' ċirca elf tliet mija u ħamsa u sebgħin metri kwadrati (1,375 m.k.) u għal aktar ċarezza qiegħda tiġi kulurita, din il-porzjoni in kwistjoni tal-għalqa, bil-kulur vjola fil-pjanta hawn annessa markata bħala Dok-HF-02. Din id-detenzjoni wkoll qed issir da parti tal-konvenuti mingħajr ma huma għandhom l-ebda dritt biex jagħmlu dan.

L-esponenti jixtiequ li ssir d-delimitazzjoni bejn l-imsemmija artijiet u speċjalment billi bħalissa ma jeżistu ebda ħitan diviżorji bejn iż-żewġ proprjetajiet fil-parti indikata A - A fuq il-pjanta annessa markata bħala Dok-HF-01.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-esponenti huma proprjetarji tal-artijiet indikati fil-pjanta Dok-HF-01 kuluriti bl-aħmar u bl-ikħal u tal-kostruzzjonijiet kollha mibnija fuqhom;

2. Tiddikjara illi l-konvenuti ma għandhom ebda drittijiet ta' kwalsiasi natura fuq dawn l-artijiet proprjeta` tal-istess esponenti;

3. Tistabbilixxi l-konfini kollha bejn il-proprjetajiet adjaċenti tal-partijiet bl-għajnuna ta' espert tekniku nominat għal dan il-għan;

4. Tordna li l-konvenuti jiżgombraw fi żmien qasir u perentorju minn kull porzjoni tal-art u benefikat li tiġi stabbilita bħala proprjeta` tal-esponenti u jgħalqu kull aċċess li għandhom minn l-għalqa tagħhom għal dik il-parti tal-isqaq kulurit bl-ikħal proprjeta` tal-esponenti u jingħalaq b'mod permanenti dak it-taraġ, markat bl-ittra (T) li minn l-għalqa tail-konvenuti jgħati għal ħdejn il-kamra (K) u għal fuq is-salini proprjeta` tal-esponenti u kwalunkwe aċċess ieħor li mill-proprjeta` tal-intimat iwassal għal fuq il-proprjeta` tal-esponenti.

5. Tordna li jittellaw fi żmien qasir u perentorju ħitan diviżorji, ta' ħxuna skont il-liġi, bejn il-proprjetajiet tal-partijiet fejn hemm bżonn inkluż u speċjalment bejn l-artijiet kuluriti bl-aħmar u bl-aħdar, fil-parti fejn hemm indikata l-linja diviżorja markata A - A li jidhru fil-pjanta annessa markata bħala Dok-HF-01 u dan bi spejjes bin-nofs bejn l-esponenti u l-konvenuti taħt id-direzzjoni ta' perit tekniku nominat mill-Qorti u fil-każ li jgħaddi t-terminu prefiss inutilment, tawtorizza li jittellgħu dawn il-ħitan mill-esponenti dejjem a spejjeż bin-nofs bejn l-istess partijiet,

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konjuġi Mifsud li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Fejn tidħol l-ewwel talba attriċi l-esponenti jeċċepixxu illi waqt li l-parti mmarkata bl-ikħal hija proprjeta` tal-atturi, il-parti mmarkata bl-aħmar m'hijiex kollha proprjeta' tal-atturi imma biċċa minnha, dik li tmiss mal-parti mmarkata bl-ikħal u bil-parti mmarkata bl-aħdar li hi mmarkata bil-vjola, hi proprjeta' tal-esponenti kif se jiġi ipprovat;

2. Fejn tidħol it-tieni talba attriċi, it-talba hija kontestata stante li l-esponenti għandu dritt ta' passaġġ mill-parti mmarkata bl-aħdar għall-parti mmarkata bl-ikħal, liema passaġġ ilu jużaħ iktar minn 50 sena u akkwiżixxa favur tiegħu parti minn kamra li tinsab kostruwita fuq il-biċċa l-kaħla u li testendi għal ġo għar taħt il-biċċa l-ħadra u li ilha hemm iktar minn 50 sena u dana kif se jiġi pprovat;

3. Fejn tidħol it-tielet talba m'hemmx oppożizzjoni;

4. Ir-raba' talba hija kompletament kontestata;

5. Fejn tidħol il-ħames talba l-esponenti jirrimettu rwieħhom.

Rat ir-rapport ta' Alan Saliba maħtur minnha bħala perit tekniku.

Rat it-tweġibiet tal-istess perit għad-domandi in eskussjoni.

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali.

Rat it-tweġibiet tal-istess periti addizzjonali għad-domandi in eskussjoni.

Rat l-atti l-oħrajn kollha tal-kawża b'mod partikolari l-kuntratti, pjanti, u ritratti esibiti.

Ikkunsidrat:

**Aspetti legali.**

Permezz tat-tielet talba tagħhom, l-atturi qegħdin jitolbu l-istabbiliment tal-konfini bejn il-proprjeta` tagħhom u dik kontingwa tal-konvenuti. Fi kliem ieħor qegħdin jitolbu r-regolament tal-konfini.

Fid-Dritt Ruman, l-azzjoni *finium regundorum* kienet meqjusa *judicia duplicia*. Skont il-**Pothier,** f'din l-azzjoni kull parti hija kemm attur kif ukoll konvenut.[1] Kull parti trid tressaq il-provi tagħha u mbagħad il-Qorti trid tqis il-provi kollha, teżamina u tqabbel it-titli esibiti mill-partijiet, tagħmel aċċessi, u, meta jkun meħtieġ, tordna perizji u li jsiru kejlijiet. Dan mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova dijabolika tal-azzjoni rivendikatorja.

Din l-azzjoni mhix soġġetta għall-preskrizzjoni, għaliex tikkorrispondi għal dritt inerenti għal dak tal-proprjeta`; tant li s-sidien lanqas jistgħu jirrinunzjaw għal din l-azzjoni.

Hemm distinzjoni bejn (i) is-sempliċi azzjoni għat-tqegħid tas-sinjali; (ii) azzjoni għar-regolament tal-konfini, u (iii) azzjoni għall-korrezzjoni tal-konfini.

Jista' jkun li ma jkunx hemm kontroversja dwar il-konfini u għalhekk l-azzjoni tkun waħda purament personali. Jista' jkun ukoll li sid partikolari jilmenta b'mod ġenerali dwar użurpazzjonijiet mill-ġar mingħajr ma jkun kapaċi juri xi porzjon ċerta u determinata tiegħu li ġiet okkupata mill-ġar. F'każ bħal dan, l-għan ewlieni tal-azzjoni jkun l-iffissar tal-konfini inċerti u konfużi; it-tqegħid tas-sinjali jkun biss sussidjarju. Din hija l-proprja azzjoni *finium regundorum* tad-Dritt Ruman. L-għan tal-azzjoni jkun li jġiegħel lill-konvenut iġib il-provi dwar safejn twassal l-art tiegħu; l-azzjoni tibqa' waħda personali: *finium regundorum actio in personam est, licet pro vindicatio rei est*.[2]

[1] Pothier, Tr. Du contr. de societe n. 231.
[2] 1D.

Fl-aħħarnett l-attur, in forza ta' titli li jipproduċi, jista' jitlob biċċa art partikolari posseduta mill-konvenut. F'każ bħal dan, anke jekk jitlob ukoll it-tqegħid tas-sinjali, u għalhekk it-twettiq ta' obbligazzjoni personali tal-konvenuti, hemm ċerti ġuristi li jsostnu li l-oġġett ewlieni tad-domanda għandha karattru reali u allura l-azzjoni titrasforma ruħha f'waħda ta' rivendikazzjoni.[3] B'danakollu, il-ġurisprudenza Taljana hija deċiżament orjentata b'mod li tqis it-tielet kategorija bħala inċertezza soġġettiva u b'hekk tibqa' xorta waħda fil-kategorija tal-azzjoni finium regundorum: Fi kliem il-**Qorti tal-Kassazzjoni**:

> *"L'azione di regolamento del confine presuppone un'incertezza oggettiva e soggettiva sul confine del fondo, ossia un'incertezza derivante dalla mancanza di un limite apparente o un'incertezza soggettiva, derivante dalla contestazione del limite apparente".*[4]

Il-**Bianca**, fuq l-awtorita` ta sentenza oħra tal-Qorti tal-Kassazzjoni[5] , jgħid li :

> *"In aderenza a questo orientamento l'azione rientra nello schema del regolamento di confine anche quando il proprietario lamenti l'usurpazione di una striscia di terreno confinante, sempreche` il convenuto non contesti il titolo di acquisto dell'attore ma opponga un titolo di acquisto poziore".*

L-azzjoni tar-regolament tal-konfini tiddistingwi ruħha mill-azzjoni rivendikatorja għaliex filwaqt li din tal-aħħar tippresupponi **kontestazzjoni tat-titlu** tal-proprjetarju, l-azzjoni tar-regolament tal-konfini tirriżolvi kwistjoni dwar l-**estenzjoni** ta' dritt ta' proprjeta` mhux ikkontestat. Ikun hemm azzjoni ta' rivendika biss jekk il-ġar jikkontesta l-proprjeta` tal-ġar permezz ta' titolu divers, bħal meta jallega l-użukapjoni tal-fond kollu tal-ġar. Fl-azzjoni għar-regolament tal-konfini, il-ġar ma jikkontestax it-titlu tal-proprjeta`, imma jallega abbażi ta' tali titlu u tat-titlu tiegħu ta' proprjeta` li l-konfini huma diversi.[6]

Ikkunsidrat:

**L-istrixxa art vjola.**

[3] Francesco Saverio Bianchi, Corso di Codice Civile Italiano Vol 9, Parte I, paġna 911 (1895)
[4] C. 18.04.1994 iċċitata minn C. Massimo Bianca, Diritto Civile, Vol 6, La Proprieta`(1999) para. 217, paġna 435.
[5] C. 27.05.1997, n. 2857 iċċitata minn C. Massimo Bianca, Diritto Civile, Vol 6, La Proprieta`(1999) para. 217, paġna 436.
[6] Maria Dolores Debono v Joseph Grech 28.04.2003 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Il-Qorti sejra tibda billi titratta l-kontestazzjoni tal-parti l-vjola fuq il-pjanta Dok HF-02 a fol 6 tal-proċess esibita mar-Rikors Maħluf li ż-żewġ partijiet isostnu li hija tagħhom.

L-attur akkwista l-porzjoni l-ħamra permezz tal-kuntratt tat-22 t'Awwissu 1989 u ieħor tal-1 ta' Diċembru 1989.[7] Il-konvenut akkwista l-porzjoni l-ħadra – u l-vjola – permezz ta' kuntratt tat-22 ta' Mejju 1991.[8]

Il-parti vjola hija nkluża kollha kemm hi fil-pjanta annessa mal-kuntratt tal-akkwist tal-konvenut. Min-naħa l-oħra, fil-pjanta mal-kuntratt tal-akkwist tal-attur, mhux l-art vjola kollha hija inkluża; parti minnha u ċjoe` l-istrixxa t'art ta' 285 metri kwadri indikata f'paragrafu 4.21 tar-rapport tal-perit Alan Saliba[9] mhijiex inkluża. Il-perit tekniku sab li l-estensjoni tal-art indikata fil-kuntratt tal-akkwist tal-attur hija waħda korretta u taqbel mal-pjanta.

Permezz tal-kuntratt tal-1971, Giovanni Mifsud (missier il-konvenut) akkwista 1T.3s.2k ċirka (1,723 m.k), kompriżi l-ħitan, tmiss nofsinhar u punent ma' sqaq u ma' spazju pubbliku u mit-tramuntana ma' beni tal-werrieta ta' Joseph Pace O'Shea "**kif tidher l-istess porzjoni delineata bil-linka fil-pjanta hawn annessa markata (sic) 'A'**".[10] Kopja ta' din il-pjanta hija esibita mill-atturi a fol 217 wara li nstabet fil-volum tar-reġistru tal-atti tal-istess Nutar billi ma kinitx fil-volum oriġinali, u dan skont nota miktuba min-Nutar Prinċipali tal-Gvern a fol 218A u ċjoe` fuq in-naħa ta' wara ta' kopja legali tal-istess pjanta. Kjarament, kuntrarjament għal dak li jallegaw l-atturi, din il-pjanta turi l-konfini tal-proprjeta` bħala li jinkludu l-parti l-vjola fuq pjanta Dok HF-02 esibita mar-rikors maħluf.

Il-perit tekniku spjega sewwa l-inkonsistenzi kbar li sab fir-rigward tal-art tal-konvenut. Sab li hija provenjenti minn qasma tal-1883 ibbażata fuq pjan ta' qasma ta' ċertu Perit Mamo Mompalao (Dok. HF-22). Sab ukoll li għalkemm ġie ddikjarat li kienet qiegħda tiġi ttrasferita l-ewwel porzjoni (tal-kejl iddikjarat fil-kuntratt tal-1971 ta' IT.3.s2k kif diġa` msemmi) fil-fatt kienet qiegħda tiġi ttrasferita t-tielet porzjoni li kellha kejl iżgħar – dak ta' 1T.2s.4k (1,573 m.k.). Barra minn hekk, il-pjanta ta' mal-kuntratt tal-1971 ma taqbilx mal-kejl imniżżel fl-istess kuntratt; turi, minflok, art ta' 2,541m.k. li hija 61% ikbar mill-kejl proprju

[7] Dok HF-04 u pjanti Dok HF-58 u HF-59; Dok HF-05.
[8] Dok HF-12.
[9] Fol 163.
[10] kopja ddattilografata tal-kuntratt tan-Nutar Dottor Robert Girard tas-17 ta' Novembru 1971 Dok HF-21 a fol 414.

tagħha.[11] Il-konfużjoni tkompli tiżdied billi fil-kuntratt tal-akkwist tal-konvenut tal-1991, hemm indikat li akkwista biss 275 m.k. – evidentement frott ta' żball grossolan.

Minkejja dawn l-inkonsistenzi kollha, il-perit ikkonkluda[12] li l-atturi huma proprjetarji tal-art ikkulurita bl-aħmar eskluża l-istrixxa immarkata A-A fuq Dok HF-01 tal-kejl ta' 285 m.k. u hekk stabbilixxa l-konfini ta' bejn il-partijiet f'din il-parti.[13] B'dan il-mod, il-perit żamm għal kollox mal-kuntratt tal-akkwist tal-attur u mal-pjanta annessa miegħu. Mistoqsi in eskussjoni, wieġeb li l-linja diviżorja ma ħoloqhiex b'mod artifiċjali, jew in forza ta' sempliċi kalkolu matematiku, imma segwa pedament li għadu jeżisti u jidher ta' ħajt tassejjieħ li ġġarraf maż-żmien. Kull m'għamel hu li estenda l-linja tal-pedament sas-sies. Il-perit tekniku sab li probabbilment il-ħajt imġarraf kien iservi ta' marka diviżorja naturali tal-limitu tal-proprjeta` tal-atturi. Għalhekk m'aċċettax l-allegazzjoni tal-atturi fid-domandi in eskussjoni tagħhom li l-proprjeta` tagħhom kienet tinkludi l-istrixxa ta' 285 m.k. u ċjoe` sal-ħajt li hemm biswitha, minkejja li dan ifisser li għandhom area ikbar minn dik indikata fil-kuntratt tal-akkwist u l-pjanta annessa miegħu; abbażi li l-kejl huwa "ċirka".

Il-Qorti taqbel mal-imsemmija konstatazzjonijet tal-perit ġudizzjarju Alan Saliba, kif ukoll ikkonfermati mill-periti addizzjonali. Wara kollox, il-konklużjonijiet tal-istess espert iżomm intatt il-kuntratt tal-akkwist tal-atturi, filwaqt li jsib, fuq bażi loġika, li l-bqija tal-proprjeta` tappartjeni lill-konvenut minkejja l-inkonsistenzi fil-provenjenza tal-art tiegħu; anke għaliex ma jirriżultax li hemm terzi persuni li kienu sidien ta' xi porzjon art ta' bejn l-atturi u l-konvenuti. Dak li m'għandux l-attur, verosimilment u bi proċess t'eliminazzjoni għandu l-konvenut.

Fl-aħħarnett il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuti – mhux magħmula permezz ta' eċċezzjoni – li għar-rigward tal-porzjon immarkata bil-vjola, l-atturi qegħdin jimmaskeraw azzjoni rivendikatorja b'azzjoni x apparentement għar-regolament tal-konfini, u dan abbażi tad-dottrina u ġurisprudenza suesposta. Għalhekk il-provi li ressqu l-atturi huma suffiċjenti u ma kellhomx għalfejn iressqu l-prova dijabolika. Lanqas sejra tagħti każ ta' dak li jallegaw il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fis-sens li kien hemm użukapjoni tal-porzon art in kwistjoni, billi ma saret l-ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens rigward din l-art, għalkemm saret rigward il-kamra u d-dintorni tagħha. Tant li fl-ewwel eċċezzjoni, il-konvenuti stqarru sempliċiment li l-art hi proprjeta` tagħhom "kif se jiġi pprovat".

[11] Para. 5.22 tar-rapport tal-Perit Alan Saliba a fol 171.
[12] Para 9.10 a fol 185
[13] ara para. 9.04 tar-rapport a fol 186.

Ikkunsidrat:

**Il-kamra u t-taraġ.**

Il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-limitazzjoni tal-konfini fejn tinstab il-kamra kostruwita taħt is-sies u ċjoe` in parti taħt il-parti l-ħadra u in parti fuq il-parti l-kaħla kif murija fil-pjanta Dok HF-01 a fol 5 tal-proċess.

Fir-Rikors Ġuramentat, fis-salina kkulurita bl-ikħal fil-pjanta Dok HF-01, li jippretendu li hija proprjeta` tagħhom, l-atturi jindikaw kamra bl-ittra K. Jallegaw li l-konvenuti qegħdin jiddetjenu abbużivament kemm il-kamra kif ukoll is-salina. Permezz tar-raba' talba tagħhom, jitolbu li jingħalaq it-tarag immarkat bl-ittra T fuq l-istess pjanta, li jagħti minn għalqa tal-intimati għal ħdejn l-imsemmija kamra u għal fuq is-salini. Jitolbu wkoll li l-konvenuti jiżgumbraw minn kull benefikat mibni fis-salina, mingħajr ma jsemmu speċifikament il-kamra msemmija.

Fit-tweġiba maħlufa tagħhom, il-konvenuti jammettu li l-parti l-kaħla hi proprjeta`tal-atturi iżda jallegaw li akkwiżixxew favurihom l-imsemmi passaġġ li ilu jintuża għal iktar minn 50 sena kif ukoll parti mill-istess kamra li tinstab xi mibnija fuq is-salina kkulurita bl-ikħal "u li testendi għal ġo għar taħt il-biċċa l-ħadra u li ilha hemm għal iktar minn 50 sena u dana kif se jiġi ippruvat".

L-eċċezzjoni kif impustata mhix waħda valida. Kif inhu sew magħruf, il-preskrizzjoni akkwiżittiva tista' tkun dik ta' 30 sena kif ukoll dik tal-10 snin.[14] Il-Qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk ma tiġix eċċepita mill-parti nteressata u m'għandhiex, għalhekk, tfittex biex tara hix applikabbli għall-każ xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx ġiet indikata b'mod ċar u espliċitu minn min jinvokaha.[15]

Anke kieku kellha din il-Qorti tmidd saqajha barra mill-friex u tindividwa t-tip t'eċċezzjoni applikabbli, xorta waħda ma kinitx tirnexxi. Billi ma jirriżultax li l-konvenuti għandhom titlu tajjeb biex jitrasferixxi l-proprjeta` fuq il-kamra in kwistjoni, il-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' 10 snin mhix applikabbli. Jonqos għalhekk jiġi eżaminat jekk hemmx il-preskrizzjoni ta' 30 sena.

[14] (apparti ta' 40 sena fil-każ ta' fedekommess, knejjes jew istituzzjonijiet piji li mhuwiex il-każ hawnhekk.)

[15] 15 XXXIII.i.481; XXXIV.i.410; XL.i.170 u Joseph Grech v Emanuele Camilleri 21.03.1977 Qorti tal-Appell , sede Kummerċjali, ippreseduta mill-Profs. JJ. Cremona, F Mizzi, u G Schemb

Jirriżulta li l-kamra in kwistjoni tinstab taħt is-sies li jifred il-parti l-ħadra murija fuq il-pjanta msemmija u s-salina mmarkata bl-ikħal. Is-sies ma jitlax kartabun minn mas-salina, imma huwa ta' forma irregolari, kif iffurmat mill-elementi tan-natura, hekk li l-parti t'isfel tas-sies ittieklet b'mod li l-parti ta' fuq ġiet tisporġi 'l barra. Fl-ispazju hekk maħluq min-natura, missier il-konvenut (xi żmien wara li xtara s-salina li tmiss mas-salina l-kaħla fis-sena 1962), u, iktar tard, il-konvenut (wara s-sena 2004), komplew ħaffru l-blat. Missier il-konvenut bena kamra li tinstab parti taħt il-parti ta' fuq tas-sies, b'mod li parti mis-saqaf tagħha jikkonsisti fil-blat imħaffer taħt l-istess sies, u parti oħra mibnija 'l barra mis-sies, fuq il-parti l-kaħla. Il-kamra hija aċċessibbli minn passaġġ ġej mill-parti l-ħadra, proprjeta` tal-konvenut.

Jirriżulta li missier il-konvenut kien juża' l-kamra biex jaħżen il-melħ u l-għodda,[16] u li din il-kamra baqgħet tiġi okkupata mill-familja tal-konvenut.[17]

Skont il-Perit Alan Saliba, jirriżulta li l-kamra tidher fiċ-ċirku aħmar fir-ritratt meħud mill-ajru tal-1967.[18] Għalkemm m'għandhiex għalfejn tiddubita l-interpretazzjoni tal-pjanta mill-perit tekniku tagħha, il-Qorti tistqarr li mhijiex qiegħda tagħraf xi kostruzzjoni fiċ-ċirku msemmi. L-attur[19] xehed li qabel is-sena 1969/70 kien hemm kamra oħra li kienet bejn wieħed u ieħor fejn illum hemm il-parapett quddiem il-kamra eżistenti.

Il-Perit tekniku jirrileva li għalkemm, skontu, il-kamra kienet diġa` mibnija, la tissemma' fil-kuntratt ta' missier il-konvenut tal-1971 u lanqas fil-kuntratt tal-attur tal-1992.[20]

Is-salina mmarkata bl-ikħal, flimkien mat-territorju mmarkat bl-aħmar fuq il-pjanta HF-01, kienet proprjeta` ta' Joseph Mary Pace, li kien jirċievi l-qbiela mingħand il-familja Mercieca. Din kienet inkwilina, u kienet taħdem is-salina, sa mis-seklu dsatax. Tonina Mercieca, li kienet tiffrekwenta t-territorju sa ma miet missierha fis-sena 1934,[21] ma tiftakar ebda kamra fit-territorju in kwistjoni.

Nazzareno Mercieca, ġuvni, kien l-aħħar inkwilin, u ċeda l-kera billi taha t-territorju lura lis-sid fis-sena 1970.[22] Ħadd qatt ma ddisturbah

---

[16] Skont diversi xhieda ċċitati fir-rapport tal-Perit Alan Saliba a fol 179, nota numru 22.
[17] Skont diversi xhieda ċċitati fir-rapport tal-Perit Alan Saliba a fol 179, nota numru 23.
[18] Para 5.23 tar-rapport, a fol 171. Ir-ritratt jinstab a fol 424.
[19] L-attur in kontro-eżami a fol 303 u 304, 308
[20] Para 6.41 a fol 180.
[21] affidavit tal-15.12.1993 a fol 484. Fotokopja biss esibita; iżda l-konvenuti m'oġġezzjonawx għall-produzzjoni tagħha.
[22] affidavit tal-attur a fol 318 u 319.

fid-dgawdija tiegħu. Xehed li ma kienx hemm kmamar fit-territorju għajr waħda tal-konkrit in-naħa t'isfel, użata mis-servizz militari Ingliż.[23]

Il-konvenut Albert Mifsud xehed li missieru kien xtara l-parti l-ħadra li kien fiha kamra li fiha kienu jitpoġġew l-għodda u l-melħ. Iżid jgħid li "Ngħid illi missieri għamel żmien twil ħafna jaħdem ix-xatt kollu li kien bis-salini. Għal dan il-fini huwa kien bena erbat ikmamar fl-għalqa immarkata bl-aħdar u saħansitra ħaffer kamra oħra, liema kamra tidher immarkata bl-ittra K fuq il-pjanta immarkata HF01 annessa mar-rikors ġuramentat.[24]

"Oħti sussegwentement biegħet is-salini u l-kamra… lil ċertu Angelo Fenech li jiġi l-kuġin tal-attur"[25] Wara l-konvenut xtara mingħandu. Imbagħad sar att korrettorju. Isostni li l-kamra hija tiegħu għaliex bnieha missieru iktar minn 50 sena qabel (l-affidavit sar fis-17 ta' Novembru 2017. 50 sena qabel jiġi 1967).

Ċertu Michaelangelo Fenech (mhux Angelo Fenech li biegħ lill-konvenut) għamel affidavit fuq talba tal-konvenut. Jistqarr li kien midħla tal-inħawi anke billi kien imur hemm għall-kaċċa. Jibda biex jgħid li missier il-konvenut beda jqatta' l-blat sabiex jibni l-kamra "għall-ħabta tal-1962" ftit wara li xtara s-salini.[26] Imbagħad iktar tard jgħid li " meta Ganni bena l-kamra… għamel ukoll it-taraġ li għadu eżistenti sal-lum li jwassal proprju mill-kamra għall-fond proprjeta` tal-istess Ganni Mifsud immarkat bl-aħdar…"[27] Il-parti bl-aħdar inxtrat fil-1971. Jekk it-taraġ sar fl-istess żmien meta nbniet il-kamra, dan kien wara l-1971. Iktar u ikar meta dan it-taraġ iwassal għall-parti l-ħadra u x-xhud jinsisti li tqatta' fl-istess territorju aħdar. Mhux verosimili li Ganni Mifsud qatta' t-taraġ qabel m'akkwista l-parti l-ħadra. Mela aktarx il-kamra preżenti nbniet wara l-1971 u mhux għall-ħabta tal-1962. Xhud ieħor, ukoll prodott mill-konvenuti, Generoso Vella, xehed bl-affidavit li jiftakar il-kamra tinbena "fil-bidu tas-sittinijiet". Jgħid ukoll li "meta Ganni tella' din il-kamra qatta' ġol-blat u għamel taraġ…"[28] L-istess osservazzjoni li saret dwar ix-xhieda ta' Michelangelo Fenech tgħodd ukoll għal Generoso Vella.

[23] affidavit tal-15.09.1993 a fol 487. Fotokopja biss esibita; iżda l-konvenuti m'oġġezzjonawx għall-produzzjoni tagħha.
[24] Fol 222
[25] affidavit tal-konvenut a fol 223
[26] para 6 a fol 269
[27] fol 270
[28] fol 285

Angela Abela, oħt il-konvenut, u prodotta minnu bħala xhud, ma semmietx data meta missierha bena l-kamra, iżda xehdet li "t-taraġ għamlu meta għamel il-kamra missieri" u dan biex itella' b'iktar faċilita` l-melħ fil-parti l-ħadra.[29] Żewġ xhieda oħra prodotti mill-konvenut – Anthony Bonnici[30] u John Mary Vella[31], għalkemm semmew il-kamra, ma taw l-ebda ħjiel tad-data tal-bini tagħha.

Meta eċċepew il-preskrizzjoni akkwiżittiva, il-konvenuti saru atturi fir-rigward tagħha. Huma kellhom jippruvaw dak li allegaw fir-rigward tagħha, inkluż id-dekorriment tat-terminu. Biex setgħu jagħmlu dan kellhom iġibu prova ċara u inekwivoka tal-bidu tiegħu; u ċjoe` tad-data ta' meta nbniet il-kamra. Prova li ma rnexxilhomx jagħmlu. Huma jindikaw b'mod vag li nbniet f' "il-bidu tas-snin sittin" bla ma jindikaw data eżatta. Jisħqu li l-kamra nbniet ftit wara li Ganni Mifsud akkwista s-salina mmarkata bil-griż fuq il-pjanta Dok HF-01. Jirriżulta li missier il-konvenut akkwista din is-salina permezz ta' kuntratt ta' xiri tal-09.08.1962 mingħand il-familja Chabron. Il-Qorti, kif diġa` ndikat, ma temminx din il-verżjoni u ssib li aktarx il-kamra nbniet wara li Giovanni Mifsud akkwista t-territorju l-aħdar b'kuntratt ta' xiri tal-14.11.1971 mingħand Genovese Carabott, u li qabilha kien hemm kamra oħra mibnija fejn illum hemm il-parapett tal-kamra eżistenti.

Ukoll li kieku kellha titwemmen il-verżjoni tal-konvenuti, xorta waħda m'għaddiex il-perjodu akkwiżittiv ta' 30 sena għaliex dan ġie nterrott permezz ta' atti ġudizzjarji ppreżentati mill-atturi li juri biċ-ċar li riedu jippreservaw id-drittijiet kollha tagħhom. Dwar is-salina mmarkata bl-ikħal, l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali fl-20 ta' Mejju 1992[32], u protesti ġudizzjarji fil-21 ta' Lulju 1992[33] u fit-30 t'Awwissu 1993[34] li permezz tagħhom ippreżervaw id-drittijiet tagħhom dwarha. Għalkemm il-kamra u t-taraġ mhumiex imsemmija speċifikament, hu ċar li ppreżervaw il-jeddijiet tagħhom dwarhom wkoll, tant li l-protest tal-21 ta' Lulju 1992 jirreferi mhux biss għal pretenzjoni ta' drittijiet tal-proprjeta` imma wkoll għal kwalsiasi att ta' proprjeta`.[35]

Għalhekk li kieku l-Qorti kellha tqis li l-preskrizzjoni eċċepita kienet dik ta' 30 sena, xorta waħda ma kinitx tirnexxi għax ma ġiex ippruvat li ddekorra l-perjodu preskrittiv.

---

[29] fol 275, affidavit ta' Angela Abela tal-20 ta' Frar 2014
[30] 30 fol 279
[31] 31 fol 280
[32] Fol 505
[33] fol 506
[34] fol 521
[35] fol 507

Dak li ntqal rigward il-kamra, jgħodd ukoll fir-rigward tal-parti tat-taraġ li jagħti għaliha u li jinstab fil-proprjeta` tal-atturi.

Hi liġi li "kull min għandu l-proprjeta` tal-art, għandu wkoll…dak kollu li jinsab… taħt wiċċ l-art; hu jista' jagħmel…taħt l-art, kull biċċa xogħol jew tħaffir…"[36] kif ukoll li dak li għandu favurih preżunzjoni stabbilita mil-liġi hu meħlus minn kull prova tal-fatt preżunt.[37] Dan ifisser li jinkombi allura fuq l-atturi li jressqu provi kuntrarji biex iwaqqa' tali preżunzjoni dwar il-parti tal-kamra mibnija mix-xifer tal-quċċata tas-sies 'il ġew. F'dan il-każ, mhux talli ma saritx xi prova kuntrarja, talli l-atturi[38] f'dan ir-rigward qablu mar-rapport tal-AIC Alan Saliba fil-paragrafu 9.5 tiegħu[39] u ċjoe` li "dwar il-kamra, il-parti mill-kamra 'l barra mis-sies hija proprjeta`tar-rikorrenti filwaqt li l-kumplament tal-kamra li jiġi taħt is-sies huwa proprjeta` tal-intimati". Il-Qorti taqbel li l-ispazju mix-xifer ta' fuq tas-sies 'l isfel u kull ma hemm kostruwit fih huwa proprjeta` tal-konvenuti; filwaqt li kull m'hemm mix-xifer 'il barra huwa tal-atturi.

Il-konvenuti jsostnu, apparti l-eċċezzjoni tagħhom li l-kamra hi tagħhom bl-użukapjoni, li, independentement minn dan, il-kamra hija entita` indiviża li ma tistax tiġi maqsuma. Jiċċitaw **Art. 571 tal-Kodiċi Ċivili** li jgħid li bini mibni *in bwona fede* fuq art tal-ġar jista' jiġi ddikjarat proprjeta` ta' min bena, salv l-obbligu tal-kumpens.

F'dan il-każ, il-bona fidi ġeneralment tkun dwar il-pożizzjoni tal-konfini bejn żewġ proprjetajiet: "*quel confine, o per incomplete enunciazioni dei titoli di proprieta`, o per natura del terreno, o per mancanza dei termini stabili puo` essere confuse, e il proprietario costruente avere occupato e possedere una porzione di terreno altrui, credendola sua".*[40] L-iżball irid ikun wieħed ġustifikat. Ma jkunx ġustifikat "*qualora tra le confinanti proprieta` esistessero termini visibili limitativi delle medesime, se sul suolo occupato scolassero gli stillicidi della casa del vicino, ed in altri casi consimili*".[41] Lanqas jekk fl-assenza ta' sinjali ċari, l-estensjoni tal-proprjeta` tiegħu tkun inċerta u allura jmur jibni fejn l-aktar jaqbillu: "*a nostro avviso*" – jgħidu **Aubry et Rau** – "*colui che, in mancanza di confine certi e riconosciuti, estende le sue costruzioni sopra un terreno di cui, in seguito ad una confinazione ulteriore, sia riconosciuto appartenere la proprieta` al vicino, si rende*

[36] Art 323 tal-Kodiċi Ċivili.
[37] Art. 1234 tal-Kodiċi Ċivili. Ara wkoll Frank Calleja v. Charles Paul Attard – Qorti tal-Appell (Superjuri) 30.06.2021.
[38] para 31 tan-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tal-atturi.
[39] 39 fol 186.
[40] Pacifici Mazzoni, Comm., art. 452, n. 211 iċċitat minn Francesco Saverio Bianchi, Dei Beni, Della Proprieta` e della Comunione, Vol 9 Parte III, paġna 444 (Torino, 1900),
[41] V. Pastore, Commenti al codice civile per gli Stati Sardi, art. 463, n.2.

*se non altro colpevoli di una grave imprudenza, ne potrebbe trovare scusa nella pretesa sua buona fede. Non poteva egli ignorare che rimaneva soggetto ad un'azione per la determinazione dei confini; e, prima d'incominciare le sue costruzioni, avrebbe dovuto egli stesso promuovere tale determinazione*".[42]

F'dan il-każ, bona fidi ma kienx hemm. Ma kellu jkun hemm l-ebda ekwivoku li l-proprjeta` tal-konvenuti jew tal-predeċessuri tagħhom fit-titlu ma setgħet qatt testendi oltre l-limiti ta' fuq tas-sies – dik l-iktar sporġuta 'l barra.

Il-konvenuti, fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħhom, jissoktaw billi jiċċitaw l-**Art. 504 tal-istess Kodiċi** li jgħid li f'qasma ta' proprjeta` għandu jiġi evitat il-firda ta' fondi fi bċejjeċ jew il-ħolqien tas-servitujiet. Disposizzjoni din li l-konvenuti jitolbu li tiġi applikata per analoġija. Dak li japplika għall-każ preżenti iżda huma d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi (Art. 540 et seq) fuq il-jeddijiet u l-obbligi bejn il-pussessur u s-sid, applikabbli permezz tal-Art. 569 tal-istess Kodiċi. Fost l-oħrajn, is-sid jista' jitlob – kif fil-fatt l-atturi qegħdin jitolbu fir-rikors maħluf tagħhom - it-tneħħija tal-miljoramenti; f'liema każ il-pussessur *in mala fede* għandu jneħħihom bi spejjeż tiegħu mingħajr ebda jedd għall-ħlas tal-ħsara, u għandu wkoll iħallas il-ħsarat li s-sid ikun bata (Art. 543(3).

Il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni bin-numru 9.06 tal-perit tekniku. Il-parti tat-taraġ li qiegħda fuq il-parti l-ħadra għandha tibqa'; u għandhom isiru marki permanenti li jiddistingwu ż-żewġ partijiet. Salv permess li talvolta jista' jkun meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti, il-parti tat-taraġ u tal-kamra li qegħdin fuq il-parti kaħla għandhom titneħħew irrispettivament minn jekk il-parti tal-kamra li tinstab fil-parti l-ħadra jibqagħlhiex aċċess jew le.

M'hemm l-ebda jedd t'aċċess mill-konvenuti mill-parti l-ħadra għall-parti l-kaħla mit-taraġ in kwistjoni, u l-istess aċċess għandu jiġi magħluq permezz ta' ħajt jew ħitan appożiti prevja l-ħruġ ta' permessi edilizji.

Ikkunsidrat:

**Il-Passaġġ.**

Jirriżulta, kuntrarjament għal dak li jallegaw il-konvenuti, li t-twessiegħ tal-passaġġ li jagħti għas-salina permezz ta' rampa sar fi proprjeta` tal-atturi u mhux fil-parti l-ħadra tal-proprjeta` tal-konvenuti. Dan jidher

[42] Aubry et Rau, t. II § 204, n. 25.

ċar kemm mill-pjanta formanti parti mir-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba (para 5.22 a fol 171 tal-proċess) kif ukoll mir-risposta tal-istess perit in eskussjoni għal domanda tal-konvenuti, Risposta Numru 9(h) li tinstab a fol 558 tal-proċess.

Kuntrarjament għal dak li kkonstata l-perit tekniku, il-parti tal-passaġġ immarkata bl-ikħal hija tabilħaqq proprjeta` tal-atturi kif jirriżulta mill-kuntratti tal-akkwist u kuntratti korrettorji esibiti u l-pjanti mehmużin magħhom (ara pjanti a fol 366, 356 u Dok Hf-62 a fol 212), li lkoll jirreferu għas-salina bħala t-territorju mmarkata bl-ikħal, liema kulur jestendi għar-rampa u l-passaġġ ftit 'il fuq minnha. Mhux hekk biss imma. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jammettu li l-parti l-kaħla hi tal-atturi – u din, fuq il-pjanta Dok HF-01, tinkludi r-rampa in kwistjoni. Mela din hi parti mit-territorju tal-atturi u testendi sax-xatba li ngħalqet mill-konvenuti. Għalhekk l-aċċess mill-parti l-ħadra għall-parti kaħla għandu jingħalaq.

Ikkunsidrat:

**Dritt ta' Passaġġ għas-salina tal-konvenuti.**

Il-Perit Tekniku rrelata li għandu jkun hemm aċċess għall-konvenuti minn fuq il-parti l-kaħla għall-parti l-griża billi din hija interkjuża. Dan l-aċċess iżda ma jiffurmax parti mit-talbiet tal-atturi. Hemm imsemmi l-aċċess minn art tal-konvenut għal dik tal-atturi, iżda mhux viċi versa. Huwa minnu li t-tieni talba – li l-Qorti "Tiddikjara illi l-intimati ma' għandhom ebda drittijiet ta' kwalsiasi natura fuq dawn l-artijiet proprjeta` tal-istess esponenti" tista' tkun wiesgħa biżżejjed biex tkopri dan l-aċċess, iżda t-talbiet għandhom jinqraw fil-kuntest tal-premessi, li fihom riferenza speċifika għad-diversi lmenti tal-atturi: għall-parti l-vjola, għall-kamra u għat-taraġ li jagħti għaliha, u għall-fetħa mill-parti l-ħadra għall-passaġġ, iżda mhux ukoll għal dan l-aċċess. Għalhekk il-Qorti ma tistax tirrelata dwar l-istess mingħajr ma tmur *extra petita.* Anke jekk din hi ħaġa sfortunata f'kawża li ilha tkarkar għal għaxar snin. Dan apparti li l-konvenuti ma setgħux jiddefendu ruħhom dwar dan l-aċċess li ma hemm l-ebda riferenza għalih fir-Rikors Ġuramentat.

**Decide:**

1. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni.

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn safejn mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.

3. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba billi tiddikjara li l-atturi huma proprjetarji tal-artijiet indikati fil-pjanta Dok-HF-01 kuluriti bl-aħmar u bl-ikħal u tal-kostruzzjonijiet kollha mibnija fuqhom ħlief għal dik l-istrixxa art immarkata ħamra li tmiss mit-Tramuntana mal-parti l-ħadra fejn hemm l-ittri A-A fuq Dok HF-01 b'kejl ta' madwar 285 metri kwadri kif indikata fir-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba para. 9.01 a fol 185.

4. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li l-konvenuti m'għandhom ebda drittijiet ta' kwalsiasi natura fuq l-artijiet proprjeta` tal-atturi bla preġudizzju għal dak li ngħad dwar l-aċċess għas-salina tal-konvenuti mmarkata bil-griż fuq il-pjanta Dok HF-01.

5. Tilqa' t-tielet talba billi tistabilixxi l-konfini kollha bejn il-propjetajiet adjaċenti tal-partijiet skont kif stabbiliti f'din is-sentenza. Bl-għajnuna ta' espert tekniku Alan Saliba, li qiegħed jiġi maħtur għal dan l-iskop, pendenti l-ħruġ jew rifjut tal-permessi għall-bini ta' ħitan diviżorji, għandhom jitpoġġew minnufih sinjali permanenti li juru b'mod ċar il-konfini rispettivi u biex jiġi evitat kull ekwivoku fil-futur jittieħdu ritratti mill-perit li sejjer jiġi nominat mill-Qorti li jiġu esibiti permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawża fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.

6. Tilqa' in parti r-raba' talba billi tordna lill-konvenuti sabiex:

6.1 jiżgombraw fi żmien qasir u perentorju minn kull porzjoni tal-art u benefikat li ġiet stabbilita bħala proprjeta` tal-esponenti.

6.2 jagħlqu b'mod permanenti dak it-taraġ, markat bl-ittra (T) li mill-għalqa tal-konvenuti jagħti għal ħdejn il-kamra (K) u għal fuq is-salini proprjeta` tal-atturi.

6.3 titwaqqa' l-parti tal-kamra, tat-taraġ u tal-aċċessorji l-oħra li jinstabu fil-proprjeta` tal-atturi kif spjegat fil-parti razzjonali ta' din is-sentenza u kif ikkonstatat fir-rapport tal-Perit Alan Saliba, a spejjeż tal-konvenuti.

6.4 Il-konvenuti għandhom iħallu miftuħa x-xatba li tagħti għar-rampa proprjeta` tal-atturi.

7. Tilqa' in parti l-ħames talba billi tordna li kemm-il darba jinħarġu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti, jittellaw ħitan diviżorji, ta' ħxuna skont il-liġi, bejn il-proprjetajiet tal-partijiet fejn hemm bżonn kif jiġi ordnat mill-perit Alan Saliba inkluż u speċjalment bejn l-artijiet kuluriti bl-aħmar u bl-aħdar, fil-parti fejn hemm indikata l-linja diviżorja markata A - A li jidhru fil-pjanta annessa markata bħala

Dok-HF-01. Il-bini tal-ħitan jsir bi spejjes bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti.

8. Tordna t-twaqqigħ tal-parti tal-kamra u l-partijiet aċċessorji tagħha li jinstabu fil-proprjeta` tal-atturi.

9. Il-Perit Alan Saliba għandu japplika għal kull permess meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza. Spejjeż relatati mal-permessi dwar ħitan jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet filwaqt li spejjeż dwar permessi għat-twaqqiegħ tal-kamra kollha jew parti minn huma a karigu tal-konvenuti.

10. F'każ ta' nuqqas ta' koperazzjoni da parti tal-konvenuti, l-atturi huma awtorizzati jagħmlu x-xogħlijiet huma, taħt id-direzzjoni tal-Perit Alan Saliba.

Spejjeż inklużi tal-protesti ġudizzjarji tal-20 ta' Mejju 1992, tal-21 ta' Lulju 1992, tat-30 ta' Lulju 1992, tad-29 ta' Ottubru 1992, tat-30 ta' Awwissu 1993, tas-27 ta' Ġunju 1995, tat-8 ta' Lulju 2005 u tas-27 ta' Marzu 2006 a karigu tal-konvenuti."

**RIKORS TAL-APPELL TAL-KONVENUTI:**

5. L-aggravji tal-konvenuti in suċċint, huma s-segwenti:

(1) L-Ewwel Qorti ddeċidiet b'mod differenti minn dak suġġerit mill-perit tekniku u anke marret *ultra petita:*

Dan l-aggravju jirrigwarda l-ordnijiet tal-Qorti biex:

(i) jingħalaq it-taraġ (T) li mill-għalqa tal-konvenuti jagħti għal ħdejn il-kamra (K) u għal fuq is-salini proprjetà tal-atturi;

(ii) titwaqqa’ dik il-parti tal-kamra, taraġ u aċċessorji l-oħra li jinstabu fil-proprjetà tal-atturi;

(iii) titħalla miftuħa x-xatba li tagħti għar-rampa tal-atturi.

Jilmentaw li dawn imorru kontra s-suġġerimenti tal-periti tekniċi u/jew oltre dak mitlub fir-rikors ġuramentat.

(2) <u>In-natura tal-azzjoni</u>

Jargumentaw li għalkemm l-azzjoni hija, almenu in apparenza, dik tal-*actio finium regundorum*, fil-verita` hija l-*actio rei vindicatoria.*

(3) <u>L-istrixxa art vjola</u>

Dwar il-parti mmarkata bil-vjola l-konvenuti jsostnu li minn dejjem kellhom aċċess għaliha u qatt ma kellhom problemi. Jgħidu li l-oneru tal-prova li kellhom jagħmlu l-atturi kienet il-*probatio diabolica* u jgħidu wkoll li ma jaqblux li l-użukapjoni ġiet argumentata minnhom għal xi ambjenti partikolari u mhux għal oħrajn.

(4) Il-kamra u t-taraġ

Fl-ewwel lok f'dan ir-rigward jagħmlu riferenza għar-rikors kontestwali fejn qed jintalab id-dritt li jressqu eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni akkwiżittiva taħt l-Artikolu 2140 u/jew l-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

Fit-tieni lok jilmentaw dwar uħud mill-punti meqjusa mill-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-preskrizzjoni.

Fit-tielet lok jilmentaw dwar ir-rimedju "drastiku" tad-demolizzjoni ordnat mill-Ewwel Qorti.

(5) Il-passaġġ

Il-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti marret lil hinn minn dak mitlub meta ordnat li r-rampa (xatba) tinżamm miftuħa. Jaċċennaw għar-rapport tal-perit fejn qal li kemm it-trejqa, kif ukoll it-trejqa oħra, jinsabu fuq il-parti l-ħadra u mhux fuq il-proprjetà tal-atturi, mentri r-rampa tinsab fuq is-salina akkwistata mill-atturi. Jgħidu li ladarba l-parti l-ħadra hija tagħhom, ix-xatba u almenu l-ewwel biċċa tar-rampa hija tagħhom.

(6) Spejjeż

Finalment u mingħajr preġudizzju, jargumentaw li ladarba s-sentenza ma ġietx deċiża favur l-atturi fl-intier tagħha, ma messhiex ordnat li l-ispejjeż jitħallsu kollha minnhom (il-konvenuti).

**RISPOSTA TAL-APPELL TAL-ATTURI:**

6. L-atturi wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**L-AMBJENTI IN KWISTJONI u l-pretenzjonijiet tal-atturi:**

7. Il-pjanti annessi mar-rikors ġuramentat huma **Dok HF-01** u **Dok HF-02**. Dawn jirreferu għal estenzjoni ta' art fl-inħawi ta' Delimara, Żejtun/Marsaxlokk.







8. B’referenza għall-imsemmija pjanti, l-atturi jgħidu li huma għandhom:

(i) **<u>l-għalqa indikata bl-aħmar</u>** bil-kejl ta’ ċirka 6T-3S-0K (ekwivalenti għal 7,306.65mk) li mit-tramuntana tmiss mal-irdum għal

fuq il-baħar tal-Ħofra ż-Żgħira, mil-lvant mal-irdum għal fuq is-Salina, u minn nofsinhar, in parti ma' sqaq u f'żewġ partijiet oħra ma' proprjetà ta' Generoso Carabott jew aventi kawża tiegħu; u

(ii) **<u>is-salina b'kamra (K) sovraposta indikata bl-ikħal</u>** bil-kejl ta' ċirka 8T-3S-0K (9,554.85mk) li tmiss mit-tramuntana u mil-lvant ma' xatt il-baħar, minn nofsinhar ma' salina ta' Dun Isaija Caruana jew aventi kawża tiegħu, u mill-punent mal-għalqa fuq deskritta, <u>aċċessibbli mis-sqaq u mir-rampa</u> (ukoll ikkuluriti bl-ikħal, li jinsabu fin-naħa t'isfel tal-art tal-konvenuti mmarkata bl-aħdar). Fil-premessi però mhux biss jgħidu li s-salina hija aċċessibbli mill-isqaq / rampa, iżda **<u>jgħidu li dik il-parti tal-isqaq ikkulurita bl-ikħal (skur) hija fil-fatt proprjetà tagħhom</u>** (ara para 5).

9. B'referenza għall-imsemmija pjanti, l-atturi jgħidu li l-konvenuti għandhom:

(i) **<u>is-salina ndikata bil-griż strixxat</u>** bil-kejl ta' ċirka 4T-0S-0K (4,496.4mk) li tmiss mil-lvant, nofsinhar u punent ma' xatt il-baħar;

(ii) **<u>l-għalqa ndikata bl-aħdar</u>** li qiegħda iktar lejn nofsinhar mil-linja

orizzontali A----A.

10. Fil-premessi tar-rikors tagħhom l-atturi jilmentaw:

(i) (para 3.) li l-konvenuti qegħdin jiddetjenu s-salina tagħhom (dik indikata bil-kulur ikħal bil-kamra immarkata **(K)**) u li qabdu u mblokkaw l-aċċess li tali salina u kamra għandhom mill-isqaq u mir-rampa kuluriti bl-ikħal;

(ii) (para 5.) li mill-għalqa tal-konvenuti indikata bl-aħdar il-konvenuti fil-punt immarkat **(S)** għamlu aċċess għal ġo dik il-parti tal-isqaq kulurita bl-ikħal proprjetà tagħhom (l-atturi), u dan meta d-dħul oriġinali għal tali għalqa huwa iktar lejn il-punent, ċioè fejn l-għalqa kkulurita bl-aħdar tmiss ma' sqaq fil-punt **(P)**; u

(iii) (para 6.) li l-konvenuti qegħdin jiddetjenu parti mill-għalqa tagħhom (dik indikata bl-aħmar). Għal aktar ċarezza huma ndikaw il-parti tal-għalqa tagħhom detenuta mill-konvenuti bil-kulur **vjola** fuq il-pjanta Dok HF-02 u jgħidu li tali parti għandha kejl ta' ċirka 1,375mk.

11. L-atturi bażikament talbu li jiġu stabbiliti l-konfini kollha bejn il-

proprjetatjiet adjaċenti tal-partijiet bl-għajnuna ta' espert tekniku u li l-konvenuti jiġu ordnati biex jiżgombraw minn kull porzjon art u benefikat li tiġi stabbilita bħala proprjetà tagħhom, biex jagħlqu kull aċċess li għandhom mill-għalqa tagħhom għal dik il-parti tal-isqaq proprjetà tagħhom u kkulurit bil-kulur ikħal, u biex jingħalaq it-taraġ **(T)** li mill-għalqa tal-konvenuti jagħti għal ħdejn il-kamra (K) u għal fuq is-salina tal-atturi, u kwalunkwe aċċess ieħor li mill-proprjetà tal-konvenuti jwassal għall-proprjetà tagħhom. Iridu wkoll li jittellgħu ħitan diviżorji bejn il-proprjetajiet, speċjalment fejn hemm il-linja A---A.

12. Il-konvenuti da parti tagħhom ma jikkontestawx li s-salina ndikata bl-ikħal hija proprjetà tal-atturi, però kwantu għall-għalqa tal-atturi li hija ndikata bl-aħmar fuq Dok HF-01, isostnu li parti minnha (ossia dik indikata bil-vjola fuq il-pjanta Dok HF-02) hija tagħhom. Isostnu wkoll li għandhom dritt ta' passaġġ mill-għalqa tagħhom (indikata bl-aħdar) għall-parti mmarkata bl-ikħal liema passaġġ ilu jintuża għal iktar minn 50 sena, u li akkwistaw favur tagħhom parti minn kamra li tinsab kostruwita fuq il-parti ndikata bl-ikħal u li testendi għal ġo għar taħt l-għalqa tagħhom indikata bl-aħdar u li ilha hemm għal iktar minn 50 sena.

## IL-PROPRJETÀ AKKWISTATA MILL-ATTURI:

13. Is-segwenti kuntratti jirrigwardaw il-proprjetà akkwistata mill-atturi:

**<u>22.08.1989</u>** Kuntratt (atti Nutar John Cachia Zammit) Dok HF-04 li permezz tiegħu l-attur akkwista mingħand l-aħwa Caruana **<u>sehem indiviż ta' 67/96</u>**

> *"mill-**<u>għalqa u mill-kmamar rurali bla numru ta' fuqha</u>** imsejħa/ magħrufa bħala "il-qali" sive "il-kali", fil-kuntrada ta' Delimara, fil-limiti taż-Żejtun/Marsaxlokk, tal-kejl superfiċjali ta' cirka żewġt itmiem (2T) ekwivalenti għal ċirka **<u>2,248mk</u>** (inkluż f' dan il-kejl, il-kejl tal-istess kmamar rurali) u li tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' ċertu Antonio imlaqqam "ta' bagħbas" jew is-suċċessuri fit-titolu tiegħu, minn Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Margerita Bonnici u mil-lbiċ ma' sqaq pubbliku bla isem, jew irjieħ verjuri, libera u franka u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u liema għalqa tidher iddelinejata bl-aħmar fuq il-pjanta li qiegħda tiġi annessa ma' dan l-att għar-reġistrazzjoni mmarkata Dokument bl-ittra D u kkulurita bl-aħmar fuq l-estratt ta' survey sheet li qiegħed jiġi anness ma' dan l-att għar-reġistrazzjoni mmarkat Dokument bl-ittra E."*

**<u>01.12.1989</u>** Kuntratt (atti Nutar Joseph Tabone) Dok HF-05 li permezz tiegħu l-attur akkwista mingħand l-aħwa Buhagiar ir-**<u>rimanenti sehem indiviż ta' 29/96</u>** tal-proprjetà mertu tal-kuntratt preċedenti tat-22.08.1989.

**<u>17.07.1992</u>** Kuntratt (atti Nutar Joseph Tabone) Dok HF-06 li permezz tiegħu l-attur akkwista mingħand l-aħwa Pace O'Shea is-**<u>sehem indiviż ta' 2/3</u>**

> *"tal-fond ossia għalqa **<u>b'żewġ kmamar u kamra oħra żgħira u bir</u>** li huma bla numru li qiegħdin f' pożizzjonijiet differenti fl-istess*

*għalqa li qiegħda "il-Kali" sive "il-qali" kontrada ta' Delimara limiti taż-Żejtun/ Marsaxlokk tal-kejl superfiċjali ta' ċirka **5,085mk** kif immarkata bl-ittra **A1** u mmarkata bl-aħmar aċċessibbli b'vetturi min-naħa ta' nofsinhar minn sqaq immarkat bl-aħdar skont il-pjanta u siteplan hawn annessa mmarkata Dokument C u D u jmissu lkoll flimkien mit-tramuntana ma' rdum għal fuq il-baħar, mil-lvant ma' rdum għal fuq is-salina markata bl-ittra **B2**, minn nofsinhar in parti ma' ġid il-kompratur u in parti ma' ġid il-werrieta ta' Giovanni Mifsud minn fejn l-għalqa għandha aċċess għall-isqaq fuq imsemmi kif ukoll l-**għalqa kontigwa għal dik fuq imsemmija b' kamra sovrapposta bla numru** tal-kejl superfiċjali ta' ċirka **850mk** markata bl-ittra **C3** u kulurita bl-oranġjo*[43] *fil-pjanta u siteplan hawn annessi markati Dokument C u D u tmiss mit-tramuntana mal-irdum għal fuq il-baħar, nofsinhar ma' sqaq pubbliku bla isem u mil-lvant mal-għalqa fuq deskritta, kif ukoll **is-salina/ xatt il-baħar** tal-kejl ta' ċirka **4,208mk** kontigwu għall-għelieqi fuq imsemmija markat bl-ittra **B2** u kulurit bl-ikħal aċċessibbli b'vetturi min-nofsinhar minn rampa li tagħti għall-isqaq fuq imsemmi u kif kulurit l-istess sqaq bl-aħdar fil-pjanta u siteplan hawn annessa markata Dokument C u D u tmiss mit-tramuntana u mil-lvant mal-baħar u mill-punent mal-għalqa fuq imsemmija u markata bl-ittra A1 soġġetti fl-intier tagħhom għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm1,16,6 fl-istat tale quale bid-drittijiet, ġustijiet u pertinenzi kollha tagħhom."*

**13.04.1993** Kuntratt (atti Nutar Joseph Tabone) Dok HF-07 li permezz tiegħu l-attur akkwista mingħand l-aħwa l-oħra O'Shea is-**sehem indiviż rimanenti ta' 1/3** tal-proprjetà mertu tal-kuntratt preċedenti tas-17.07.1992.

**12.05.1993** Kuntratt (atti Nutar Joseph Tabone) Dok HF-08 li permezz tiegħu l-attur u Lydia Pace O'Shea bħala użufruttwarja rratifikaw il-kuntratt tas-17.07.1992.

[43] Il-perit tekniku Alan Saliba jispjega lil din tinsab lil hinn mill-art mertu tal-kawża odjerna

**<u>04.06.1993</u>** Kuntratt (atti Nutar Joseph Tabone) Dok HF-09 li permezz tiegħu l-attur u l-aħwa Pace O'Shea kkorreġew il-kuntratt tas-17.07.1992 kif isegwi:

A – l-għalqa C3 fiha 1,200mk mhux 850mk (<u>mhux art in kwistjoni</u>)

B – l-għalqa B2 fiha 9,426mk mhux 4,208mk

C – l-għalqa B2 aċċessibbli b'vetturi mill-punent mhux nofsinhar

D – iċ-ċens huwa ta' Lm1.82,7 mhux Lm1.16,6.

**<u>25.02.1994</u>** Kuntratt (atti Nutar Joseph Tabone) Dok HF-10 li permezz tiegħu l-attur u l-aħwa l-oħra Pace O'Shea rratifikaw il-kuntratt tat-13.04.1993 kif indikat fil-kuntratt tal-04.06.1993.

14. **<u>Il-perit tekniku Alan Saliba</u>** spjega li dawn il-kuntratti (partikolarment il-kejl u l-pjanti hemm indikati fihom, b'total ta' **17,959mk**) jikkonfermaw il-premessi tal-atturi ħlief għal parti mill-art indikata bl-aħmar fuq il-pjanta HF-01, ċioè strixxa art bil-kejl ta' 285mk li tmiss mit-tramuntana mal-parti ħadra fejn hemm l-ittri A---A.

15. Huwa wera fil-paragrafi 4.21 u 4.22 tar-rapport tiegħu kif is-superfiċi

tal-art kollha li akkwistaw l-atturi bl-imsemmija kuntratti tammonta għal 18,000.29mk, u kif l-istrixxa ta' 285.58mk mhix nkluża.




**4.22** Permezz ta' dawn il-kuntratti r-Rikorrenti akkwistaw kejl komplessiv ta' 17,959 metri kwadri (2,248+5,085+1,200+9,426) kif jirriżulta mill-kejl fattwali tal-art indikata fil-pjanti annessa mal-istess Kuntratti:




## IL-PROPRJETÀ AKKWISTATA MILL-KONVENUTI:

16. Is-segwenti kuntratti jirrigwardaw il-proprjetà akkwistata mill-

konvenuti:

**<u>09.08.1962</u>** Kuntratt (atti Nutar Joseph Sciberras) Dok HF-13/HF-14 li permezz tiegħu Giovanni Mifsud (missier il-konvenut) akkwista mingħand l-aħwa Charbon:

> *"…**<u>l-utile dominju perpetwu tas-Salina li qiegħda f' Delimara</u>**, fil-limiti taż-Żejtun imsejħa "tal-Kali" tal-kejl ta' cirka erbat itmiem (4T = **<u>4,496mk</u>**) u tikkonfina mil-lvant u minn nofsinhar ma' xatt-il baħar u mill-punent ukoll ma' xatt-il baħar, bħala soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sitt xelini u tmien soldi (6s.8d) bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha."*

**<u>17.11.1971</u>** Kuntratt (Dok HF-20/HF-21) Giovanni Mifsud (missier il-konvenut) akkwista mingħand Generoso Carabott (din il-proprjetà hija provenjenti minn qasma tal-1883 ibbażata fuq pjan ta' qasma tal-perit Mamo Mompalao (Dok HF-22):

> *"…**<u>porzjoni diviża separata u distinta minn porzjoni akbar tal-għalqa li qiegħda fil-limiti taż-Żejtun, kontrada Ta' Delimara,</u>** denominata "tal-Kali" jew "Ta' Qali" u anke magħrufa bħala "Il-Wilġa" tal-kapaċita` ta' tomna, tlett sigħan u żewġ kejliet (1T-3S-2K = **<u>1,723mk</u>**) cirka, kompriżi f' dan il-kejl il-ħitan, tmiss minn nofsinhar u mil għall-punent ma' sqaq u ma' spazju pubbliku u mit-tramuntana ma' beni tal-werrieta ta' Joseph Pace O'Shea soġġetta l-istess porzjon diviża flimkien ma' żewġ porzjonijiet diviżi oħra mill-imsemmija porzjoni akbar ta' għalqa għall-piż ta' kull sena u perpetwu ta' skud, bħala rata mill-intier, għal ċelebrazzjoni ta' quddies, libera u franka minn piżijiet oħra, bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħha kollha kif tidher l-istess porzjoni diviża delineata bil-linka fil-pjanta hawn annessa markata A."*

**<u>11.05.1982</u>** Kuntratt ma ġiex ippreżentat fl-atti.

**<u>22.05.1991</u>** Kuntratt (Dok HF-12) fejn dehru l-konvenut Albert Mifsud u ħutu Doris Spiteri, Angela Abela, Victoria Mangion u Mikelina Bongailas, u fejn *inter alia* sar is-segwenti bejgħ bejn il-ħames (5) ulied. Ġie dikjarat li l-proprjetà kienu wirtuha mingħand il-ġenituri tagħhom li kienu xtraw permezz ta':

(i) att tan-Nutar Dottor Joseph Cachia datat **<u>11.05.1982</u>** u

(ii) att tan-Nutar Joseph Sciberras tad-**<u>09.08.1962</u>**):

<u>Angela Abela</u> (li diġa kellha 1/5) xtrat **seħem indiviż ta' 4/5**: mingħand ħutha ta':

> *"…xatt-il melħ ossia salina b'kamra sovrapposta f' Delimara limiti taż-Żejtun fil-kontrada tal-Qadi sive tal-Kali tal-kejl ta'* ***<u>cirka 4,400mk</u>*** *u tmiss mil-lvant, mill-punent u nofsinhar mal-baħar soġġetta fl-intier tagħha għal 33c3m ċens annwu u perpetwu kif markata bl-ikħal bl-* ***ittra A2*** *fuq il-pjanta hawn annessa markata Dok A jew irjieħ verjuri, liberu u frank bil-ġustijiet u drittijiet kollha tiegħu…"*

<u>Albert Mifsud</u> (li diġa kellu 1/5) xtara **sehem indiviż ta' 4/5** mingħand ħutu ta':

> *"…**<u>terran bla numru bil-ġiardina annessa miegħu ossia</u>***

***<u>għalqa bi tlett ikmamar fiha tal-kejl ta' cirka 275mk</u>*** *msejha tal-Qadi sive tal-kali f' Delimara limiti taż-Żejtun markata bl-**ittra A1** fil-pjanta hawn annessa markata Dokument A li tmiss mil-lvant mal-plot hawn fuq assenjata lil Angela Abela u mil-lbiċ ma' sqaq privata bla isem u nofsinhar ma' ġid tal-Gvern ta' Malta markata bl-aħdar, jew irjieħ verjuri, liberu u frank bil-ġustijiet u drittijiet kollha tiegħu…"*

**<u>30.09.2003</u>** Kuntratt ma ġiex ippreżentat fl-atti.

**<u>30.04.2004</u>** Kuntratt (atti Nutar Vanessa Pool) Dok HF-17 li permezz tiegħu Angelo Fenech u martu Angela flimkien ma' Angela Abela u żewġha <u>kkoreġew il-kuntratt tat-30.09.2003</u> fejn iddikjaraw li:

> *"il-pjanta annessa mal-att hija erronja u għalhekk qetgħdin jehmżu pjanta oħra fejn l-art hemm trasferita hija delinejata bil-kulur blu u strixxata u aktar preċiż il-kejl huwa ta' **<u>4,400mk</u>** kif ukoll il-partijiet jikkonfermaw illi peress illi l-pjanta kienet erronja, il-kamra mibjugħa lill-konjuġi Fenech f' dak l-att ma hijiex sovraposta għas-salina in vendita iżda tinsab aktar 'il fuq u hija bla numru u bla isem, u tmiss mil-lvant ma' beni ta' Horace Fenech, minn nofsinhar u punent ma' beni ta' Albert Mifsud jew l-aventi kawża."*

**<u>30.08.2004</u>** Kuntratt (atti Nutar Joseph Tabone) Dok HF-16 li permezz tiegħu l-konvenuti Mifsud akkwistaw mingħand Angelo Fenech u martu:

> *"**<u>l-utile dominju perpetwu ta' xatt il-melħ ossia salina b'kamra sovrapposta</u>** bla numru fuqha fil-kontrada "tal-Qadi" fl-inħawi "ta' Delimara" limiti ta' Żejtun tal-kejl ta' cirka erbat itmiem cioe` **<u>4,500mk</u>** soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm0.33 u tmiss mil-lvant, punent u nofsinhar ma' xatt il-baħar kif tidher fil-pjanta u siteplan annessa ma' att ippubblikat min-nutara Vanessa Pool tat-30 ta' Settembru 2003 altrimenti liberu u frank fl-istat attwali tiegħu."*

**<u>IL-KONFINI BEJN IL-PROPRJETAJIET kif spjegati mill-perit tekniku:</u>**

17. Il-perit tekniku spjega li mill-kuntratti relattivi għall-proprjetà tal-atturi seta' jistabbilixxi l-estremitajiet tal-proprjetà tagħhom, partikolarment l-estrem tan-nofsinhar; stqarr però li l-<u>kuntratti relattivi għall-proprjetà tal-konvenuti ħabblulu rasu mhux ħażin *stante* d-diversi diskrepanzi</u>, ossia:

- **Kejl dikjarat li ma jaqbilx drastikament mal-kejl li jirriżulta mill-pjanta annessa;**

- **Kejl dikjarat li lanqas ma jaqbel mal-kejl dikjarat fil-kuntratt ta' provenjenza msemmi fl-istess kuntratt;**

- **Diskrepanzi dwar id-deskrizzjoni tal-kamra;**

- **Żbalji ta' konfini.**

18. Huwa spjega fid-dettall kif fil-fatt wasal biex jistabbilixxi l-linja medjana tal-konfini tan-nofsinhar tal-proprjetà tal-atturi (A---A) bħala dik il-linja dritta li ssegwi l-ħajt eżistenti liema linja għandha tibqa' tiġi estiża

sas-sies li hemm mal-punent fejn hemm is-salina. <u>Il-konfini bejn il-partijiet għalhekk huma dik il-linja dritta bejn il-parti l-ħamra u l-parti l-ħadra però **spustjata aktar lejn it-tramuntana (mal-ħajt tas-sejjieħ)** minn kif indikata fuq Dok HF-01</u>, ċioè l-pjanta li ppreżentaw l-atturi mar-rikors ġuramentat.

**<u>IL-QASMA TAL-KAMRA kif spjegata mill-perit tekniku:</u>**

19. Kwantu għall-kamra (K) li hemm fuq is-salina, huwa kkonstata li din tidher fl-*aerial photo* tal-1967 u mix-xhieda rriżultalu li din tħaffret u nbniet minn missier il-konvenut aktar minn 50 sena ilu u kien jużaha għall-melħ u l-għodda fejn kien ukoll għamel taraġ li jagħti mill-għalqa għall-kamra u li baqgħet okkupata mill-familja tal-intimat. Irriżultalu għalhekk li l-kamra nbniet wara li missier il-konvenut akkwista parti mis-salina fl-1962 u li l-konvenut estenda din il-kamra għal taħt il-blat wara li huwa xtara fit-30 ta' Awwissu, 2004.

20. Huwa qies li l-atturi qed jippretendu parti diviża mill-kamra, mis-sies 'il barra, tant li fl-ewwel talba tagħhom talbu li jiġu dikjarati proprjetarji tal-kostruzzjonijiet fuq l-artijiet indikati bl-aħmar u l-ikħal fuq il-pjanta Dok HF-01; qies ukoll li l-konvenuti jikkontendu li akkwistaw favur tagħhom parti

minn kamra fuq il-biċċa kaħla li testendi għal ġo għar taħt il-biċċa ħadra li ilha hemm iktar minn 50 sena. Spjega li għalkemm din li tinqasam il-kamra jiddependi mill-aċċess tal-istess (billi tinsab taħt is-sies u taħt il-proprjetà tal-konvenuti) u kif ukoll fuq kemm l-awtorità tippermetti l-qsim fiżiku tagħha, irrileva li l-konfini tal-punent tas-salina tal-atturi fejn din tmiss mal-proprjetà tal-konvenuti hija definita tajjeb b'sies għoli li n-natura ħaffritu b'tali mod li nħoloq speċi ta' għar li jidħol taħt il-proprjetà tal-intimati. Kompla jgħid li billi l-atturi mhux qed jitolbu din il-parti tal-għar li teknikament jifforma parti mis-salina tagħhom, il-linja tal-qasma fil-kamra in kwistjoni għandha ssegwi l-linja tas-sies li hemm fuq l-istess kamra.

**L-AĊĊESSI kif spjegat mill-perit tekniku:**

21. Kwantu għall-passaġġ il-perit tekniku spjega li wara li missier il-konvenut bena l-kamra fuq is-salina għamel ukoll taraġ li jagħti mill-għalqa tiegħu (il-parti l-ħadra) għall-istess kamra u wara saret ukoll rampa mix-xatba għal fuq il-blat, bl-ewwel parti tar-rampa fuq l-art ħadra proprjetà tal-konvenut; jgħid li din ir-rampa ġiet estiża għall-kamra fl-aħħar tas-snin tmenin. Qal li dan l-iżvilupp jidher fuq l-*aerial photos* mill-1957 sal-2008 minn fejn jirriżulta li fis-sena 1967 mill-isqaq saret trejqa għas-salina min-naħa ta' nofsinhar tal-parti l-ħadra u sussegwentement

(qabel l-1978) saret trejqa oħra mill-isqaq fuq in-naħa tal-lvant tal-parti l-ħadra għal fuq il-parti l-vjola, u sussegwentement (qabel l-1988) inħolqot ir-rampa li tinżel mill-isqaq għas-salina. Qal li kemm it-trejqa u t-trejqa l-oħra jinsabu fuq il-parti l-ħadra (tal-konvenuti) mentri r-rampa tinsab fuq is-salina tal-atturi (għalkemm qal li l-ewwel parti tagħha tinsab fuq l-art tal-konvenuti).




(Għal intendiment aħjar din il-Qorti qed tinserixxi estratti mir-ritratti tal-ajru tas-snin 1967, 1978 u 1988 biswit xulxin, fejn wieħed jista' jara l-ewwel trejqa, imbagħad it-trejqa l-oħra)

22. Kwantu għall-**parti tal-kamra li tinsab taħt is-sies** spjega li hemm

aċċess mill-istess trejqa oħra permezz ta' taraġ fil-blat u għalhekk jekk l-attur jiġi assenjat sehmu mill-kamra, il-kumplament tal-kamra li tinsab taħt is-sies (tal-konvenuti) l-aċċess għal din il-kamra għandu jibqa' mill-istess taraġ li wara kollox jinsab fil-maġġor parti tiegħu fi proprjetà tal-konvenuti.

23. Kwantu għax-**xatba** qal li din saret mill-konvenut wara xi argument li l-konvenut kellu ma' oħtu fis-sena 2004. Qal li għalhekk issa li din is-salina li kellha oħtu saret tiegħu, filwaqt li kif issemma *supra*, mix-xatba wieħed jasal għar-rampa u minnha wara tasal għas-salina, jikkonkludi li x-xatba għandha titneħħa jew titħalla miftuħa.

**KONKLUŻJONIJIET FINALI TAL-PERIT TEKNIKU:**

24. Il-perit tekniku Alan Saliba jissintetiżża l-konklużjonijiet finali tiegħu hekk:

**(1) Jirriżulta li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-artijiet indikati bil-kulur aħmar u ikħal fuq il-pjanta Dok HF-01 bil-kostruzzjonijiet kollha mibnija fuqhom ħlief għall-istrixxa ta' art immarkata ħamra li tmiss mit-Tramuntana mal-parti ħadra (fejn hemm l-ittri A---A fuq Dok HF-01 b'kejl ta' madwar 285mk.**

**(2) Jirriżulta li l-intimati huma proprjetarji ta' parti mis-salina li tmiss minn nofsinhar mal-parti tas-salina proprjetà tar-rikorrenti, liema partijiet kienu salina waħda u jinħadmu fl-intier minn missier l-intimat (u wara minn oħt l-intimat) sa minn aktar minn ħamsin sena ilu.**

**(3) Din is-salina kienet aċċessibbli minn trejqa li żviluppat matul is-snin għal trejqa u rampa li hemm illum. Ma jirriżultax li hemm xi aċċess ieħor bil-vetturi għall-parti tas-salina proprjetà tal-intimati. Dan l-aċċess għas-salina jgħaddi minn xatba li hemm f'tarf l-isqaq.**

**(4) Il-konfini bejn il-proprjetajiet adjaċenti tal-partijiet għandhom jiġu stabbiliti bħala dik il-linja dritta bejn il-parti l-ħamra u l-parti l-ħadra però spustjata aktar lejn it-tramuntana (mal-ħajt tas-sejjieħ) minn kif indikata fuq Dok HF-01.**

**(5) Dwar il-kamra, il-parti tal-kamra 'il barra mis-sies hija proprjetà tar-rikorrenti filwaqt li l-kumplament tal-kamra li jiġi taħt is-sies huwa proprjetà tal-intimati.**

**(6) Jirriżulta li l-intimati għandhom taraġ li jagħti mill-parti l-ħadra tagħhom għall-parti tagħhom tal-kamra – liema taraġ jinsab fil-maġġor parti tiegħu fuq l-istess parti ħadra tal-intimati – u għalhekk dan it-taraġ m'għandux għalfejn jingħalaq. Ma jirriżultax li hemm xi aċċess ieħor x'jingħalaq mill-proprjetà tal-intimati għal fuq il-proprjetà tar-rikorrenti.**

**(7) Fil-mertu tal-ħames talba jistgħu jsiru marki/posti li jiddemarkaw il-proprjetà tar-rikorrenti kif hawn fuq ingħad però d-demarkazzjoni permezz ta' ħitan hija soġġetta għall-permessi mill-awtoritajiet konċernati, li sa issa għadhom ma nġibux.**

**<u>IL-PERITI PERIZJURI</u>**

25. Il-periti perizjuri (Ġorġ Cilia, Valerio Schembri u David Pace) qablu mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI DWAR L-AGGRAVJI:</u>**

26. Din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-konvenuti fl-ordni li jidhrilha l-iżjed opportun.

**<u>It-tieni aggravju</u>**: in-natura tal-azzjoni.

27. Il-konvenuti appellanti jsostnu li din hija l-*actio rei vindicatoria* u mhux l-*actio finium regundorum*. Jagħmlu referenza għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti qalet li kienet ser tibda biex tittratta l-kontestazzjoni tal-parti l-vjola li tidher fuq il-pjanta HF-02 fejn qalet li "*ż-żewġ partijiet isostnu li hija tagħhom.*" Jilmentaw għalhekk li l-kontestazzjoni tmur ferm oltre l-konfini imma li tidħol ukoll fuq aspetti vindikatorji. Ifakkru li f'azzjoni vindikatorja l-oneru tal-prova mqiegħed fuq l-attur huwa wieħed tant gravi li spiss huwa deskritt bħala li jeħtieġ prova djabolika għas-suċċess tal-azzjoni. Isostnu li l-atturi ma rnexxilhomx jegħlbu tali oneru.

28. L-Ewwel Qorti daħlet fid-dettall dwar id-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet qabel ma kkonkludiet li din hija fil-fatt l-*actio finium regundorum* u mhux l-*actio rei vindicatoria.* Hija għamlitha ċara li <u>ma kinitx qed taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti li fir-rigward tal-porzjon art immarkata bil-vjola fuq il-pjanta Dok HF-02</u> l-atturi qegħdin jimmaskeraw l-*actio rei vindicatoria* bl-*actio finium regundorum.*

29. Din il-Qorti tosserva li minkejja li l-atturi fl-ewwel żewġ talbiet tagħhom qed jitolbu li jiġi dikjarat li l-partijiet indikati bl-aħmar u bl-ikħal fuq il-pjanta Dok HF-01 huma tagħhom u li l-konvenuti m'għandhom l-ebda drittijiet fuqhom, **__fit-tielet talba__ mbagħad jitolbu lill-Qorti "*tistabbilixxi l-konfini bejn il-proprjetajiet adjaċenti tal-partijiet bil-għajnuna ta' espert tekniku".* Dan juri li l-atturi qed iħallu f'idejn il-Qorti (bil-għajnuna tal-espert tekniku imqabbad minnha) sabiex tistabbilixxi l-konfini tal-proprjetajiet tal-partijiet li jmissu ma' xulxin. Fil-fatt anke l-konvenuti stess fir-risposta ġuramentata jgħidu li "*fejn tidħol it-tielet talba ma hemmx oppożizzjoni".***

30. Mill-mod kif jinsabu l-ambjenti tal-partijiet vis-à-vis xulxin (kif indikati fuq il-pjanta Dok HF-01) din il-Qorti qiegħda tqis li:

- n-natura ta' din l-azzjoni hija ċertament l-*actio finium regundorum* għal dak li jirrigwarda l-istabbiliment tal-konfini bejn il-parti l-ħamra (tal-atturi) u l-parti l-ħadra (tal-konvenuti);

- Kwantu għall-konfini bejn il-parti l-ħadra (tal-konvenuti) u l-parti l-kaħla (tal-atturi) jidher li l-kontendenti qed jaqblu li l-konfini jinsabu proprju fejn indikati fuq il-pjanta Dok HF-01 għalhekk mhux il-każ li jiġu stabbiliti

xi konfini – *se mai* mbagħad hemm il-kwistjoni tal-parti tal-kamra u l-parti tat-taraġ li jinsabu fis-salina tal-atturi mmarkata bl-ikħal – liema kwistjoni ser tiġi trattata fl-aggravju relattiv (ċioè r-raba' aggravju).

- Kwantu mbagħad għall-passaġġ indikat mill-atturi bl-ikħal (skur), ċioè l-passaġġ li jinsab fil-parti t'isfel tal-art tal-konvenuti ndikata bl-aħdar fuq il-pjanta Dok HF-01, din il-Qorti ma tarax li hija kwistjoni ta' stabbiliment ta' konfini iżda pjuttost fil-fatt l-*actio rei vindicatoria*; il-kwistjoni dwarha ser tiġi trattata wkoll fl-aggravju relattiv (ċioè l-ħames aggravju).

**It-tielet aggravju**: l-istrixxa l-vjola

31. Fir-rigward tal-parti art immarkata bil-vjola fuq Dok HF-02 (li tifforma parti mill-art indikata bl-aħmar fuq Dok HF-01), il-perit tekniku rriżultalu li din hija tal-atturi ħlief għal strixxa żgħira minnha bil-kejl ta' 285mk, ossia strixxa li tmiss mit-tramuntana mal-għalqa tal-konvenuti ndikata bl-aħdar fuq Dok HF-01, fejn hemm l-ittri A---A.

32. Il-konvenuti appellanti jibqgħu jsostnu li l-art indikata bil-kulur vjola hija fil-fatt kollha tagħhom.

33. Fl-ewwel lok jerġgħu jargumentaw li l-atturi kellhom iressqu l-*prova diabolica* fir-rigward ta' din l-art indikata bil-vjola, iżda dwar dan m'għandhomx raġun għaliex kif din il-Qorti rriteniet fil-kunsiderazzjonijiet tagħha għat-tieni aggravju (*supra*) in kwantu din il-kawża tirrigwarda l-konfini bejn il-parti ndikata bl-aħmar u l-parti ndikata bl-aħdar fuq il-pjanta Dok HF-01 din mhix l-*actio rei vindicatoria* iżda l-*actio finium regundorum*.

34. Fit-tieni lok jilmentaw li l-preskrizzjoni akkwiżittiva sollevata minnhom tressqet fir-rigward tal-ambjenti kollha li minnhom l-atturi jridu jeskluduhom, u mhux limitatament għal xi ambjenti partikolari.

35. It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti taqra hekk:

> *"Fejn tidħol it-tieni talba attriċi, it-talba hija kontestata stante li l-esponenti għandu dritt ta' passaġġ mill-parti mmarkata bl-aħdar għall-parti mmarkata bl-ikħal, liema passaġġ ilu jużaħ iktar minn 50 sena u akkwiżixxa favur tiegħu parti minn kamra li tinsab kostruwita fuq il-biċċa l-kaħla u li testendi għal ġo għar taħt il-biċċa l-ħadra u li ilha hemm iktar minn 50 sena u dana kif se jiġi pprovat."*

36. L-Ewwel Qorti rriteniet li l-argument li jagħmlu l-konvenuti fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom li kien hemm użukapjoni tal-porzjon art immarkat vjola ma kinitx attendibbli "*billi ma saret l-ebda eċċezzjoni formali f' dan is-sens rigward din l-art għalkemm saret rigward il-kamra u d-dintorni tagħha."*

37. Din il-Qorti ssib li kellha raġun l-Ewwel Qorti. Għalkemm huwa minnu li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija b'referenza għat-tieni talba (ċioè biex jiġi dikjarat li l-konvenuti m'għandhomx drittijiet fuq l-artijiet immarkati bl-aħmar u bl-ikħal fuq il-pjanta Dok HF-01, u allura nkluż il-parti l-vjola mmarkata fuq il-pjanta Dok HF-02) madanakollu **l-konvenuti <u>kienu speċifiċi ħafna</u> dwar ambjenti li allegatament kienu jintużaw minnhom għal iktar minn ħamsin sena, u l-ambjenti li jsemmu f'dan ir-rigward ma jinkludux il-biċċa l-vjola.**

**<u>Ir-raba' aggravju</u>**: il-kamra u taraġ



(fol 192, ritratt mir-rapport tal-perit tekniku)

38. Fir-rigward tal-<u>kamra</u> il-perit tekniku rriżultalu li dik il-parti minnha li qiegħda 'l barra mis-sies (fuq il-parti mmarkata bl-ikħal fuq il-pjanta Dok HF-01) hija tal-konvenuti filwaqt li l-kumplament tal-kamra li jiġi taħt is-sies (fil-parti mmarkata bl-aħdar fuq il-pjanta Dok HF-01) huwa tal-atturi. Huwa qal li l-linja tal-qasma fil-kamra in kwistjoni għandha ssegwi l-linja tas-sies li hemm fuq l-istess kamra. Irriżultalu wkoll li l-konvenuti għandhom <u>taraġ</u> li jinsab fil-maġġor parti fuq il-parti l-ħadra tagħhom stess u li għalhekk m'għandux għalfejn jingħalaq.

39. L-Ewwel Qorti qieset li l-konvenuti kienu eċċipew li kienu akkwistaw dik il-parti tal-kamra li tinsab fuq il-parti l-kaħla bl-użukapjoni. Għalkemm enfasizzat li tali eċċezzjoni kif impustata ma hix waħda valida, in kwantu ma ġiex speċifikat x'tip ta' preskrizzjoni kienu qegħdin jinvokaw, <u>hija xorta waħda qieset jekk kienx il-każ li l-konvenuti kinux fil-fatt akkwistaw bil-preskrizzjoni ta' 10 snin jew bil-preskrizzjoni ta' 30 sena.</u>

40. Kwantu għall-preskrizzjoni akkwiżittiva <u>deċennali</u> (10) sabet li din ma tirriżultax *stante* li ma jidhirx li l-konvenuti għandhom titolu tajjeb biex jittrasferixxu l-proprjetà fuq il-kamra in kwistjoni (jew aħjar dik il-parti tal-kamra li tinsab fuq il-proprjetà tal-atturi). Kwantu għall-preskrizzjoni

akkwiżittiva trentennali (30) hija ma emmnitx il-verżjoni tal-konvenuti li l-kamra ilha mibnija mill-bidu tas-sittinijiet. Qieset li għalkemm il-perit tekniku jgħid li l-kamra tidher fuq ir-ritratt tal-ajru tal-1967 (u li għalkemm hija ma setgħetx tagħrafha qalet li ma kellhiex għalfejn tiddubita mill-interpretazzjoni tiegħu), ma tissemma l-ebda kamra fil-kuntratt ta' missier il-konvenut tal-1971, u lanqas fil-kuntratt tal-atturi tal-1992. Hija qieset li mix-xhieda jirriżulta li missier il-konvenut għamel it-tarağ meta għamel il-kamra, u rriteniet li mhux verosimili li Ġanni Mifsud, missier il-konvenut, qatta' t-tarağ qabel ma akkwista l-parti l-ħadra (ċioè fl-1971). Ikkonkludiet għalhekk li aktarx li l-kamra (bit-tarağ) inbniet wara li missier il-konvenut akkwista l-art (li tmiss mas-salina tal-atturi) fl-1971 mingħand Ġeneroso Carabott li qabilha kien hemm kamra oħra mibnija fejn illum hemm il-parapett tal-kamra eżistenti.

41. Fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti sabet li anke kieku kellha temmen il-verżjoni tal-konvenuti, xorta ma għaddewx 30 sena għaliex dan ġie interrott permezz ta' atti ġudizzjarji ppreżentati mill-atturi. Tirreferi għall-ittra uffiċjali ppreżentata mill-atturi fl-20 ta' Mejju, 1992, u għall-protesti ġudizzjarji li ppreżentaw fil-21 ta' Lulju, 1992, u fit-30 ta' Awwissu, 1993, fejn ippreservat id-drittijiet tagħhom dwarha. Enfasizzat li għalkemm il-kamra u t-tarağ m'humiex imsemmija speċifikatament f'dawn l-atti

ġudizzjarji huwa ċar li ppreservaw il-jeddijiet fuqhom ukoll tant li l-protest tal-1992 jirreferi mhux biss għal pretenzjoni ta’ drittijiet tal-proprjetà imma wkoll għal kwalsiasi att ta’ proprjetà.

42. Sussegwentement qieset li:

- l-parti tal-kamra ‘l barra mis-sies hija tal-atturi u l-kumplament huwa tal-konvenuti;

- il-parti tal-kamra li tinsab kostruwita fil-proprjetà tal-atturi (oltre s-sies) ma setgħetx inbniet b’bona fidi, għaliex ma kellu jkun hemm l-ebda ekwivoku li l-proprjetà tal-konvenuti jew tal-predeċessuri tagħhom fit-titolu ma setgħet qatt testendi lil hinn mis-sies, u għalhekk mhux applikabbli l-Artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili (li jgħid li bini mibni in *bona fede* fuq art tal-ġar jista’ jiġi dikjarat proprjetà ta’ min bena, salv l-obbligu tal-kumpens);

- l-Artikolu 504 (li jgħid li f’qasma ta’ proprjetà għandha tiġi evitata l-firda ta’ fondi fi bċejjeċ jew ħolqien ta’ servituijiet), li l-konvenuti jitolbu li jiġi applikat b’analoġija, mhux applikabbli; iżda huma applikabbli *invece* d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 540 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili dwar il-

jeddijiet u obbligi bejn il-pussessur u s-sid (applikabbli permezz tal-Artikolu 569) fejn is-sid jista' jitlob (kif qed jitolbu l-atturi) it-tneħħija ta' miljoramenti, f'liema każ il-pussessur in *mala fede* għandu jneħħihom bi spejjeż tiegħu mingħajr jedd għall-ħlas tal-ħsara u għandu wkoll iħallas il-ħsarat li jkun bata s-sid.

43. L-Ewwel Qorti ddikjarat li ma kinitx qed taqbel mal-konklużjoni nru 6 tal-perit tekniku (fejn qal li dak it-taraġ – li jinsab fil-maġġor parti fuq il-parti tal-konvenuti – m'għandux għalfejn jingħalaq.).Hija rriteniet li l-parti tat-taraġ li tinsab fuq il-parti l-ħadra għandha tibqa' u għandhom isiru marki li jiddistingwu ż-żewġ partijiet. Ikkonkudiet li salv permess li jista' jkun opportun mill-awtoritajiet kompetenti, il-parti tat-taraġ u tal-kamra li qegħdin fuq il-parti l-kaħla (tal-atturi) għandhom jitneħħew irrispettivament minn jekk il-parti tal-kamra li tinstab fuq il-parti l-ħadra jibqagħlhiex aċċess jew le. Żiedet tgħid li ma hemm l-ebda jedd ta' aċċess mill-parti l-ħadra għall-parti l-kaħla mit-taraġ, u li l-istess aċċess għandu jingħalaq permezz ta' ħajt/ħitan prevja l-ħruġ tal-permessi neċessarji.

44. Il-konvenuti f'dan l-aggravju (dwar il-kamra u t-taraġ) jibdew biex jagħmlu referenza għar-"rikors kontestwali" li permezz tiegħu jgħidu li

qegħdin jitolbu li jqajmu l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni akkwiżittiva a tenur tal-Artikolu 2140 u/ jew 2143 (ċioè dawk deċennali u trentennali). Din il-Qorti fliet l-atti tal-appell iżda ma jidhirx li ġie ppreżentat ir-rikors imsemmi minnhom. Fil-fatt l-atturi appellati jgħidu li ma ġew notifikati bl-ebda tali rikors. Din il-Qorti, bħall-atturi appellati, qajla tifhem għaliex il-konvenuti qed jitolbu li jqajmu tali eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni akkwiżittiva deċennali u trentennali meta l-Ewwel Qorti fil-fatt qieset fit-tul jekk jirriżultawx, fejn sabet li fil-fatt ma jirriżultawx.

45. Il-konvenuti appellanti mbagħad jilmentaw dwar uħud mill-punti meqjusa mill-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-preskrizzjoni. Fl-ewwel lok isostnu li l-kamra kienet tidher fuq ir-ritratt tal-ajru tal-1967, kif anke kkonstata l-perit tekniku (għalkemm l-Ewwel Qorti ma kinitx konvinta). Isostnu li kien wara li Generoso Mifsud, missier il-konvenut, akkwista l-utile dominju tas-salini (dan kien fl-1962) li ħaffer il-kamra biex fiha jżomm l-għodda, u li mbagħad il-konvenut kien żviluppaha ulterjorment. Ifakkru li s-salina kienet waħda sħiħa u tinħadem kompletament minn missier il-konvenut, li l-pussess kien indisturbat u kontinwu oltre milli bil-*buona fede* u għalhekk suffiċjenti għall-użukapjoni.

46. Kwantu għall-preskrizzjoni akkwiżittiva deċennali kellha raġun l-

Ewwel Qorti tqis din mhix applikabbli ladarba l-konvenuti m'għandhomx titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà fuq il-kamra (u taraġ) li jinsabu fuq il-parti ndikata bl-ikħal.

47. Kwantu għall-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali, din ukoll ma tirriżultax: biżżejjed jingħad li l-kuntratt tal-akkwist li bih missier il-konvenut akkwista l-utile dominju tas-salina jġib id-data tad-9 ta' Awwissu 1962, u skont il-konvenuti l-kamra saret **wara** tali data. Issa l-atti ġudizzjarji li rreferiet għalihom l-Ewwel Qorti ġew ippreżentati fl-20 ta' Mejju, 1992, fil-21 ta' Lulju, 1992, u fit-30 ta' Awwissu, 1993, u għalhekk ċertament li ma ddekorrewx mingħajr interruzzjoni tletin sena.

48. F'dan l-istess aggravju l-konvenuti jilmentaw mir-rimedju "drastiku" tal-Ewwel Qorti, fejn ordnat id-demolizzjoni ta' dik il-parti tal-kamra u ta' dik il-parti tat-taraġ li jinsabu fuq l-art tal-atturi. L-argumenti tagħhom fir-rigward (in suċċint) huma s-segwenti:

- tali rimedju jmur lil hinn mit-talbiet tal-atturi;

- il-perit tekniku stess ma ssuġġeriex tali rimedju tad-demolizzjoni u in oltre kkonkluda li d-demarkazzjoni permezz ta' ħitan ma setgħetx

issir mingħajr permessi mill-awtoritajiet;

- wieħed irid iqis il-wirt ambjentali, *stante* li l-bini huwa wieħed antik;

- huwa applikabbli l-Art. 571 tal-Kodiċi Ċivili;

- huwa applikabbli l-Art 504 tal-Kodiċi Ċivili.

49. La tali rimedju tad-demolizzjoni mhux ikkontemplat fit-talbiet tal-atturi, din il-Qorti ssib li għandhom raġun il-konvenuti appellanti.

50. L-atturi fir-raba' (4) u l-ħames (5) talbiet jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenuti minn kull art u benefikat li jiġu stabbiliti bħala proprjetà tagħhom u li jittellgħu ħitan fil-konfini, iżda ma talbux ukoll li jitneħħew/ jiġu demoliti l-benefikati li jirriżulta li qegħdin fil-proprjetà tagħhom.

> "6. Tordna li l-konvenuti jiżgombraw fi żmien qasir u perentorju minn kull porzjoni tal-art u benefikat li tiġi stabbilita bħala proprjeta` tal-esponenti u jgħalqu kull aċċess li għandhom minn l-għalqa tagħhom għal dik il-parti tal-isqaq kulurit bl-ikħal proprjeta` tal-esponenti u jingħalaq b'mod permanenti dak it-taraġ, markat bl-ittra (T) li minn l-għalqa tal-konvenuti jgħati għal ħdejn il-kamra (K) u għal fuq is-salini proprjeta` tal-esponenti u kwalunkwe aċċess ieħor li mill-proprjeta` tal-intimat iwassal għal fuq il-proprjeta` tal-esponenti.
>
> 7. Tordna li jittellaw fi żmien qasir u perentorju ħitan diviżorji, ta' ħxuna skont il-liġi, bejn il-proprjetajiet tal-partijiet fejn hemm bżonn inkluż u speċjalment bejn l-artijiet kuluriti bl-aħmar u bl-aħdar, fil-parti

> fejn hemm indikata l-linja diviżorja markata A - A li jidhru fil-pjanta annessa markata bħala Dok-HF-01 u dan bi spejjes bin-nofs bejn l-esponenti u l-konvenuti taħt id-direzzjoni ta' perit tekniku nominat mill-Qorti u fil-każ li jgħaddi t-terminu prefiss inutilment, tawtorizza li jittellgħu dawn il-ħitan mill-esponenti dejjem a spejjeż bin-nofs bejn l-istess partijiet,"

51. Il-benefikati li jinsabu fuq l-art li ġiet stabbilita li hija tal-atturi, bil-liġi jiġi li huma tal-atturi, għalhekk in kwantu hemm parti mill-kamra u mit-taraġ li jinsabu fil-proprjetà tal-atturi, it-talba tal-atturi hi biex il-konvenuti jiżgombraw minn tali benefikati, u mhux li jitwaqqgħu tali benefikati. Fil-fatt l-atturi stess fir-risposta tal-appell tagħhom jissuġġerixxu li jsir ħajt diviżorju fil-kamra eżatt mat-tarf tas-sies "*u b'hekk żgur l-appellanti ma jistgħux jgħidu li l-ewwel qorti marret oltre t-talbiet tal-esponenti".*

52. **Għalhekk ladarba d-demolizzjoni ma ġietx mitluba mill-atturi din il-Qorti ma tarax li kellha tiġi ordnata.** Konsegwentement mhux il-każ li jiġu kkunsidrati l-argumenti l-oħra tal-konvenuti dwar il-fatt li l-perit tekniku ma ssuġġeriex id-demolizzjoni, u dwar il-wirt storiku tal-kamra.

53. Kwantu għall-fatt li l-perit tekniku qal li d-demarkazzjoni bil-ħitan ma tistax issir mingħajr permess mill-awtoritajiet jiġi mfakkar li l-Ewwel Qorti korrettament ordnat lill-perit tekniku japplika għall-permessi neċessarji mal-awtoritajiet konċernati, u li pendenti l-ħruġ jew rifjut tal-permessi,

"*għandhom jitpoġġew sinjali permanenti li juru b'mod ċar il-konfini rispettivi.*"

54. Kwantu għall-Artikolu 571 (apparti li kif jargumentaw l-atturi fir-risposta tal-appell tagħhom, dan ġie nvokat mill-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom u mhux bħala eċċezzjoni) din il-Qorti ssib li kienet korretta l-Ewwel Qorti meta rriteniet li dan ma kienx applikabbli għall-każ *stante* li ma kellux ikun hemm dubju li l-proprjetà tal-konvenuti ma kinitx tisporġi oltre l-limiti tas-sies – dik l-aktar sporġuta 'l barra, u li għalhekk ma jistax jitqies li dik il-parti tal-kamra li tinsab fil-proprjetà tal-konvenuti saret *in bona fede*.

55. Kwantu għall-Artikolu 504 hawnhekk ukoll issib li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet li mhux applikabbli (b'analoġija) għall-każ in kwistjoni; din mhux kawża għall-qasma ta' proprjetà komuni.

**<u>Il-ħames aggravju</u>**: Il-passaġġ

56. L-Ewwel Qorti rriżultalha li kuntrarjament għal dak li jallegaw il-konvenuti, it-twessiegħ (jew aħjar, estenzjoni) tal-passaġġ li jagħti għas-salina permezz ta' rampa sar fil-proprjetà tal-atturi u mhux fil-parti l-ħadra proprjetà tal-konvenuti. Hija rriteniet li l-parti tal-passaġġ immarkata bl-

ikħal (*vide* parti kkulurita bl-ikħal fuq il-pjanta Dok HF-01 annessa mar-rikors ġuramentat) hija proprjetà tal-atturi. Taċċenna f'dan ir-rigward għall-kuntratt tal-akkwist u kuntratti korrettorji esebiti u l-pjanti mehmużin magħhom (fol 366[44], 356, u 212).




Estratt mill-pjanta **HF-62 a fol 212 - ċioè waħda mill-pjanti li ssemmi l-Ewwel Qorti** - li fuqha jidhru ndikati **"gate**", "**kamra**" u "**rampa**".

Din hija l-pjanta li ġiet annessa mal-kuntratt datat 25.02.1994 li permezz tiegħu l-attur u wħud mill-aħwa Pace O'Shea rratifikaw il-kuntratt tat-13.04.1993 (ċioè l-kuntratt bih l-attur kien xtara r-rimanenti sehem ta' 1/3

[44] Jidher li riedet tirreferi għal dik a fol 355, peress li a fol 366 ma hemmx pjanta

mis-salina wara li kien xtara 2/3 minnha fis-17.07.1992).

57. In oltre l-Ewwel Qorti aċċennat għall-fatt li l-konvenuti fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom "jammettu" li l-parti l-kaħla hija tal-atturi, u din, fuq il-pjanta Dok HF-01 tinkludi r-rampa in kwistjoni.

58. Irriteniet li allura din hi parti mit-territorju tal-atturi u testendi sax-xatba li ngħalqet mill-konvenuti. Tgħid li għalhekk l-aċċess mill-parti l-ħadra għall-parti l-kaħla għandu jingħalaq. Fil-parti deċiżorja tas-sentenza ordnat li "*Il-konvenuti għandhom iħallu miftuħa x-xatba li tagħti għar-rampa proprjetà tal-atturi".*

59. Il-konvenuti appellanti da parti tagħhom jiċħdu li fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom ammettew li r-rampa hija tal-atturi. <u>Isostnu li x-xatba u "almenu" l-ewwel biċċa tar-rampa tappartjeni lihom</u>. Jgħidu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna li x-xatba tinżamm miftuħa għaliex tali ordni tista' tiġi interpretata bħala servitù, <u>oltre li dan lanqas biss intalab mill-atturi</u>.

60. Din il-Qorti kuntrarjament għall-Ewwel Qorti, ma taqbilx li r-rampa li tibda minn fejn hemm ix-xatba hija tal-atturi (anke jekk hija ndikata bil-kulur ikħal - bħalma hija s-salina nfisha - fuq il-pjanti tal-kuntratti relattivi). Fil-kuntratt tas-17 ta' Lulju, 1992, li permezz tiegħu l-attur akkwista (*inter*

*alia*) sehem ta' 2/3 mis-salina in kwistjoni ġie dikjarat li tali salina hija **aċċessibbli** minn rampa li tagħti għall-isqaq ikkulurit bl-aħdar.

> *"….is-salina/ xatt il-baħar tal-kejl ta' cirka 4,208mk*[45] *kontigwu għall-għelieqi fuq imsemmija markat bl-ittra B2 u kulurit bl-ikħal* ***aċċessibbli b'vetturi min-nofsinhar***[46] ***minn rampa li tagħti għall-isqaq fuq imsemmi u kif kulurit l-istess sqaq bl-aħdar fil-pjanta u siteplan hawn annessa markata Dokument C u D*** *u tmiss mit-tramuntana u mil-lvant mal-baħar u mill-punent mal-għalqa fuq imsemmija u markata bl-ittra A1…"*




[45] Dan ġie korrett għal 9,426mk fl-att korrettorju tal-**4 ta' Ġunju 1993**
[46] Dan ġie korrett għal "punent" flok "nofsinhar" fl-att korrettorju tal-**4 ta' Ġunju 1993**

(*close-up* tal-pjanta a fol 212, li tinsab a fol 361)

61. Għalhekk minn fuq l-isqaq ikkulurit bl-aħdar u minn fuq ir-rampa kkulurita bl-ikħal hemm biss dritt ta' aċċess (ovvjament dik il-parti tar-rampa li tinsab fit-territorju tas-salina nfisha hija parti mill-proprjetà tal-atturi).

62. Fil-fatt għalkemm l-Ewwel Qorti - biex issostni l-konklużjoni tagħha - tagħmel referenza għar-risposta nru 9(h) tal-perit tekniku in eskussjoni (fol 558), li taqra hekk:

> *"**9(h)** Il-passaġġ lil jwassal għas-salina jinsab lejn nofsinhar tal-parti ħadra fuq Dok HF-01. Ir-rampa bil-konkos tinsab fuq is-salina tar-rikorrenti."*

dan ma jfissirx li huwa kien qiegħed jeskludi l-passaġġ mill-parti l-ħadra tal-konvenuti. Kien sempliċiment qed jgħid li dan jinsab fin-naħa ta' nofsinhar tal-parti l-ħadra (ċioè proprju fuq il-parti l-ħadra u mhux jikkonfina magħha minn nofsinhar). Tant hu hekk li ħarsa lejn ir-risposti 9(f) u 9(e) turi kemm il-perit tekniku qed jeskludi li l-passaġġ immarkat bl-ikħal mill-atturi stess fuq il-pjanta Dok HF-01 annessa mar-rikors ġuramentat tagħhom, huwa tagħhom:

> ***"9(f)*** *Iva, l-uniku aċċess għas-salina li jeżisti huwa l-passaġġ immarkat mir-rikorrenti fil-pjanti annessi mar-rikors promutur.*

> ***9(e)*** *Mill-kuntratti kollha tar-rikorrenti jirriżulta li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-art li tidher fil-pjanta taħt paragrafu 4.22 tar-rapport* ***u mhux tal-passaġġ immarkat minnhom*** (cioe il-marka bl-ikħal li għamlu fuq il-pjanta Dok HF-01 taħt il-parti l-ħadra).”

63. Il-perit tekniku fir-rapport tiegħu enfasizza li kemm it-trejqa u t-trejqa l-oħra jinsabu fuq il-parti l-ħadra (tal-konvenuti) u li r-rampa tinsab fuq is-salina tal-atturi. Jiġi ppreċiżat però li mhux ir-rampa kollha hija fuq is-salina tal-atturi, għaliex kif qal l-istess perit tekniku, l-ewwel parti tagħha (minn fejn hemm ix-xatba) hija fil-parti l-ħadra.

64. Fid-dawl tas-suespost din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti in kwantu qalet li din ir-rampa ndikata bl-ikħal (skur), u li testendi sax-xatba, hija (kollha) tal-atturi. Lanqas ma taqbel, għalhekk, li l-aċċess mir-rampa għall-art tal-konvenuti indikata bl-ittra (S) mill-atturi fuq il-pjanta Dok HF-01 annessa mar-rikors ġuramentat, (li l-atturi jilmentaw dwaru fil-ħames paragrafu tal-premessi) għandha tingħalaq. F’dak il-punt din il-Qorti qed tifhem li r-rampa qiegħda fuq l-art tal-konvenuti.

65. Kwantu għas-suġġeriment tal-perit tekniku (li ġie addottat ukoll mill-Ewwel Qorti) li x-xatba għandha tibqa’ miftuħa jew titneħħa biex ikun hemm aċċess għas-salina, dan ma ntalabx mill-atturi u għalhekk din il-Qorti tqis li għandhom raġun il-konvenuti jħossuhom aggravati. Dan qed

jingħad però bla preġudizzju għal kull dritt ta' azzjoni spettanti lill-atturi f'każ li l-aċċess tagħhom għas-salina jiġi mxekkel.

**<u>L-ewwel aggravju</u>**: deċiżjoni *ultra petita* / kontra s-suġġeriment tal-periti tekniċi

66. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jilmentaw dwar is-segwenti ordnijiet li tat l-Ewwel Qorti, fejn isostnu li ġew deċiżi b'mod differenti minn dak li ssuġġerixxa l-perit tekniku (u l-periti addizzjonali li kkondividew is-soluzzjonijiet offruti minnu) u/jew marru lil hinn minn dak mitlub mill-atturi, ċioè:

(i) Biex jingħalaq it-taraġ (T) li mill-għalqa tal-konvenuti jagħti għal ħdejn il-kamra (K) u għal fuq is-salini proprjetà tal-atturi;

(ii) Biex titwaqqa' dik il-parti tal-kamra, taraġ u aċċessorji l-oħra li jinstabu fil-proprjetà tal-atturi;

(iii) Biex titħalla miftuħa x-xatba li tagħti għar-rampa tal-atturi.

67. Kwantu għall-ordni sabiex jingħalaq it-taraġ li mill-għalqa tal-

konvenuti jagħti għal ħdejn il-kamra u s-salini proprjetà tal-atturi, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li dan għandu jsir sabiex ma jkunx hemm aċċess minn parti għall-oħra tal-proprjetajiet tal-kontendenti, u dan kif mitlub mill-istess atturi.

68. Kwantu għall-ordni sabiex titwaqqa' dik il-parti tal-kamra u taraġ u aċċessorji oħra li jinstabu fil-proprjetà tal-atturi, din il-Qorti taqbel mal-konvenuti appellanti li dan ma kienx mitlub fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa *ultra petita.*

69. Kwantu għall-ordni sabiex titħalla miftuħa x-xatba dan ukoll huwa *ultra petita stante* li ma saret l-ebda talba f'dan is-sens. Ovvjament hawnhekk terġa' tenfasizza li dan qed jingħad bla preġudizzju għal kull dritt ta' azzjoni spettanti lill-atturi li jieħdu azzjoni f'każ li l-aċċess li għandhom għas-salina tagħhom jiġi mxekkel.

**<u>Is-seba' aggravju</u>**: l-ispejjeż

70. L-aħħar aggravju tal-konvenuti jirrigwarda l-ispejjeż. Jargumentaw illi ladarba l-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-talbiet kollha tal-atturi fl-intier tagħhom, u tenut kont tal-fatt li l-eċċezzjonijiet tagħhom kellhom suċċess

in kwantu jirrigwardaw l-istrixxa art li mhix tal-atturi, alllura dan kellu jiġi rifless fl-ispejjeż.

71. Għalkemm huwa minnu li l-konvenuti kellhom "suċċess" fir-rigward tal-istrixxa art, fis-sens li rriżulta li l-linja diviżorja bejn l-art tal-atturi u l-art tal-konvenuti f'dak il-punt għandha tiġi spustjata iktar lejn it-tramuntana tal-art tal-atturi minn kif indikawha l-istess atturi fuq il-pjanta Dok HF-01, jibqa' l-fatt li l-atturi talbu lill-Qorti biex tistabbilixxi l-konfini u biex tagħti l-konsegwenti ordnijiet abbażi ta' tali konfini. Għalhekk ma ssibx li l-atturi għandhom iħallsu xi spejjeż relattivi għall-fatt li l-istrixxa ġiet spustjata. Madanakollu peress li fil-kunsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti rigwardanti l-aċċess immarkat (S) fuq il-pjanta Dok HF-01, fejn jirriżulta li hemmhekk ma hemmx proprjetajiet tal-kontendenti li jikkonfinaw ma' xulxin, għaliex l-isqaq li jindikaw bl-ikħal fuq il-pjanta Dok HF-01 mhix tagħhom u li allura t-talba tal-atturi biex jingħalaq l-aċċess f'dak il-punt ma tistax tiġi akkordata (kuntrarjament għal dak li ordnat l-Ewwel Qorti, fejn fil-kunsiderazzjonijiet tagħha taħt l-intestatura "*il-passaġġ*" qalet li "l-*aċċess mill-parti l-ħadra għall-parti l-kaħla għandu jingħalaq*") issib li l-atturi għandhom jiġu kkundannati jħallsu 1/3 tal-ispejjeż tal-ewwel istanza f'dan ir-rigward.

**DECIDE:**

72. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-konvenuti limitatament u qiegħda tvarja s-sentenza fir-rigward tas-segwenti talbiet:

- Fir-rigward tal-ewwel talba, din il-Qorti ukoll qiegħda tilqagħha parzjalment - iżda mhux biss bl-esklużjoni tal-istrixxa art (kif irriteniet l-Ewwel Qorti) iżda wkoll bl-esklużjoni ta' dik il-parti tal-passaġġ ikkulurit bl-ikħal li l-atturi mmarkaw fuq il-pjanta Dok HF-01);

- Fir-rigward tar-raba' talba, l-aħħar żewġ ordnijiet (**6.3**: biex il-konvenuti jwaqqgħu l-parti tal-kamra/ taraġ/ aċċessorji oħra li jinstabu fuq il-proprjetà tal-atturi; u **6.4**: biex il-konvenuti jħallu miftuħa x-xatba li tagħti għar-rampa) qed jiġu mħassra *stante* li ma sarux talbiet f'dan is-sens. In oltre jiġi osservat li għalkemm fir-raba' talba l-atturi talbu li jingħalaq kull aċċess ieħor (ċioè nkluż dak il-punt immarkat (S) li jsemmu fil-premessi) l-Ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruħha dwaru fid-deċide, *nonostante* li fil-parti tas-sentenza taħt l-intestatura "*Il-Passaġġ*" qalet fir-rigward li l-aċċess mill-parti l-ħadra għall-parti l-kaħla għandu jingħalaq. Din il-Qorti, a skans ta' kull ekwivoku u abbażi tal-kunsiderazzjonijiet tagħha, tagħmilha ċara li tali aċċess (S) m'għandux jingħalaq.

- <u>Fir-rigward tal-ħames talba</u> l-Ewwel Qorti ordnat li jittellgħu ħitan diviżorji bejn il-proprjetajiet tal-partijiet inkluż u speċjalment bejn l-artijiet ikkuluriti bl-aħmar u l-aħdar fejn hemm indikata l-linja A---A fuq il-pjanta HF-01; hija hawnhekk ukoll ma semmietx speċifikatament il-punt immarkat (S) – a skans ta' kull ekwivoku din il-Qorti tagħmilha ċara li m'għandu jittella' l-ebda ħajt f'tali punt;

73. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

74. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu 1/3 (wieħed minn tlieta) mill-atturi u 2/3 (tnejn minn tlieta) mill-konvenuti.

75. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu ¼ (wieħed minn erba') mill-atturi u ¾ (tlieta minn erba') mill-konvenuti; dan wara li kkunsidrat mhux biss in-numru ta' aggravji (jew partijiet minnhom) li l-konvenuti argumentaw b'suċċess, iżda wkoll il-proporzjon tagħhom vis-à-vis l-aggravji l-oħra li rriżultaw infondati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da